Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 116** **Ottubru - Diċembru 2024**



***IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2024***

F'din l-edizzjoni...



2

**L-Onorevoli Malcolm Paul Agius Galea, MP**

*Ix-Xogħol tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva*

Ix-Xogħol tas-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva

# Għal Ħajja Aħjar għall-Anzjani f'Malta

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva qiegħed kontinwament jaħdem biex jsaħħaħ il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani f'Malta u Għawdex billi jkompli jżommhom attivi fil-komunità. Il-viżjoni ewlenija hija li nsaħħu s-sehem tal-anzjani fil-komunità permezz ta' programmi li jippromwovu l-involviment, is-saħħa mentali u fiżika, kif ukoll il-volontarjat. Bħala parti minn dan l-impenn, qed naħdmu wkoll biex jinfetħu aktar ċentri moderni għall-anzjani, fejn ikunu jistgħu jagħmlu attività fiżika, jiltaqgħu ma' ħaddieħor, u jkomplu jiżviluppaw it-talenti tagħhom.



Waħda mill-inizjattivi ewlenin hija l-kampanja "Qatt Mhu Tard," li tħeġġeġ lill-persuni ta' 'l fuq minn 65 sena jwettqu l-ħolm tagħhom li qatt ma kellhom l-opportunità jwettqu. L-ewwel fażi tal-kampanja ffokat fuq il-mużika, fejn anzjani setgħu jippreżentaw il-proposti tagħhom u jirċievu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex iwettqu l-proġetti tagħhom. Il-kampanja qed tkompli tinkoraġġixxi l-anzjani biex jużaw it-talenti tagħhom u jibqgħu jagħmlu differenza f'kull stadju tal-ħajja.





Bħalissa għaddeijin l-aħħar preparamenti għall-"Premju Anzjanità Attiva 2024," li se jsir fis-18 ta' Ottubru taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Dan il-premju annwali japprezza u jħeġġeġ dawk li jappoġġjaw il-kunċett ta' anzjanità attiva permezz ta' diversi kategoriji, fosthom Innovazzjoni u Teknoloġija, Anzjanità Kulturali, Anzjanità Sportiva, Volontarjat, u Solidarjetà Interġenerazzjonali. Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni mhux biss tiċċelebra kisbiet individwali u kollettivi iżda tkompli twassal messaġġ importanti dwar il-valur tal-anzjani fis-soċjetà.

L-inizjattivi qed jkomplu jsaħħu l-ispirtu ta' komunità, bħalma rajna fil-Fun Run organizzata ġewwa San Vinċenz de Paul. Din l-attività, li għaqqdet anzjani u żgħażagħ, wriet b'mod ċar li l-età m'għandhiex tkun limitazzjoni għall-attività fiżika u l-ferħ li ġġib magħha.

Dawn l-inizjattivi huma biss parti mix-xogħol vast li qiegħed jagħmel is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva. L-għan tagħna huwa li nkomplu naħdmu biex l-anzjani f'pajjiżna jibqgħu attivi, indipendenti, u jgawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar fil-komunità tagħhom.



**‘L-ANZJANI LLUM’ huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b’dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**‘ L-Anzjani Llum’**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici’s Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Inħobb nikteb dwar personalitajiet favoriti tiegħi li, tista’ tgħid, kulħadd ikun sema’ bihom. Imma, kieku kelli nistaqsi, “Min kien Danny Kaye?” ibqgħu ċerti li ħafna miż-żgħażagħ tal-lum jgħidulek li qatt ma semgħu bih. Jien għandi *soft spot* għal Danny Kaye u, allura, naħseb li mhux biżżejjed li ngħid li Danny Kaye kien attur Amerikan, kummidjant, kantant, u żeffien.

David Daniel Kaminsky twieled fi Brooklyn, New York, fit-18 ta’ Jannar tal-1911, minn ġenituri emigranti Ukreni Lhud. Attenda fi skola (li, illum, iġġib ismu) fejn kien jallegra lil sħabu bil-kant u ċ-ċajt tiegħu. Ix-xewqa tiegħu kienet li jsir kirurgu imma l-familja ma kinitx taffordja edukazzjoni fi skola medika. Wara l-iskola, ipprova diversi xogħlijiet imma, mid-dehra, kien diżastru totali għax dejjem kien jispiċċa jitkeċċa mix-xogħol. Tkeċċa minn aġenzija tal-assikurazzjoni meta għamel żball li sewa lill-kumpanija erbgħin elf dollaru (xi sitt mitt elf dollaru tal-lum). U dentist keċċieh meta, fil-*break*, qabdu jtaqqab it-toqob fl-injam bl-għodda sofistikata u delikata tad-dentistrija. L-ironija kienet li, fl-1939, fi Florida, Danny Kaye ltaqa’ ma’ tfajla jisimha Sylvia (li, mingħajr ma kien jaf, kienet it-tifla ta’ dak l-istess dentist li darba kien jaħdem miegħu) ipproponielha ż-żwieġ, ħarbu flimkien u żżewġu.

Danny Kaye beda karriera fix-*show business* fl-1933 billi nagħqad ma’ kumpanija tal-*vaudeville* meta uża l-i*stage-name* Danny Kaye għall-ewwel darba. Wara *tour* fl-Istati Uniti, fl-1934, din il-kumpanija bdiet *tour* ieħor fl-Asja. Meta kienu Osaka, fil-Ġappun, għamel *typhoon* tant qawwi li nqata’ d-dawl. Meta wasal il-ħin li tibda l-varjetà, it-teatru kien bla dawl u n-nies fl-udjenza bdew jitilfu l-paċenzja. Biex jikkalmahom, Danny Kaye ħareġ fuq il-palk waħdu fi dlam ċappa, żamm torċ f’idu kemm kemm idawwallu wiċċu u kanta kull kanzunetta li kien jaf. Din l-esperjenza, meta ħtieġlu jiddeverti udjenza li ma tifhimx bl-Ingliż, ispirat lil Danny Kaye biex jaċċentwa u jenfasizza iktar il-ġesti u l-espressjonijiet ta’ wiċċu li, għalihom, tant kien jinqala’ u li, permezz tagħhom, bena r-reputazzjoni li kiseb iktar tard.

Danny Kaye kien eċċellenti f’dawk li, bl-Ingliż, ngħidulhom *tongue twisters*. Kellu ħabta jgħidhom b’ħeffa tal-għaġeb, bla ebda żball u mingħajr ma jieqaf biex jieħu n-nifs. Meta deher fir-*Royal Variety Performance* tal-1948, jingħad li, lill-familja Rjali, tant qasamhom bid-daħq li qabżilhom id-dmugħ. Aħna l-anzjani żgur niftakru l-kanzunetti divertenti ta’ Danny Kaye bħal, *All I want for Christmas is my Two Front Teeth* u *I’ve got a Lovely Bunch of Coconuts*.

Danny Kaye ħalla din id-dinja b’attakk tal-qalb fit-3 ta’ Marzu 1987, fl-età ta’ sitta u sebgħin sena. Matul il-karriera ċinematografika tiegħu, Danny Kaye ħa sehem fi sbatax-il film li, fosthom, l-aktar li baqa’ famuż għalihom insibu: *The Secret Life of Walter Mitty* tal-1947; *The Inspector General* tal-1949; *Hans Christian Andersen* tal-1952; *Knock on Wood* tal-1954; *The Court Jester* tal-1956; u *Merry Andrew* li ħareġ fl-1958 u li, fih, Danny Kaye ikanta dik il-kanzunetta ħelwa u tant popolari: *Salute*. Ħamsa minnhom rajthom meta kont żgħir għax ommi u missieri t-tnejn kienu jħobbuh lil Danny Kaye imma l-ieħor, *The Secret Life of Walter Mitty,* bqajt qatt ma rajtu. Min jaf, forsi xi darba jirnexxieli nniżlu minn xi mkien u narah ukoll. Fl-opinjoni tiegħi, min qatt ma kellu x-xorti jara lil Danny Kaye fuq l-i*screen*, tilef esperjenza ħelwa.

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.



# Kif L-Emenda 2024 ta' dawk li twieldu qabel 1962 tolqot lil Pensjonanti li għandhom ukoll pensjoni tas-Servizz

*Kitba ta' Emanuel Deguara*

Ħbieb, għal grazzja tal-Mulej, qegħdin nerġħu niltaqgħu permezz ta' din il-ħarġa tal-magażin tagħna, 'L-Anzjan Llum'.

Mill-bidu ta' din is-sena, 2024, is-sena li fiha bdiet fis-seħħ emenda fil-liġi tas-sigurtà socjali, biex tiġi indirizzata l-anomalija tal-pensjoni massima ta' dawk li twieldu sas-sena 1961. Kellna ħafna mistoqsijiet minn dawk li apparti l-pensjoni tas-sigurtà socjali għandhom ukoll pensjoni tas-servizz, u għaldaqstant deherli li għandu jkun is-suġġett tal-artiklu ta' din il-ħarga.

L-emenda tipprovdi biex id-dħul pensjonabbli Massimu li fuqu l-pensjonant jirċievi żewġ terzi tiegħu, jibda jitla' gradwalment, biex fuq medda ta' snin jitla daqs ta' dawk li twieldu mis-sena 1962 lil hawn. Din is-sena, 2024, id-dħul pensjonabbli massimu tela' għal €22000 għal dawk li twieldu qabel l-1962. Ta' dawk li twieldu mis-sena 1962 lil hawn, id-dħul pensjonabbli jilħaq l-ammont ta' €27679. Mela min twieled qabel is-sena 1962, din is-sena, 2024, il-pensjoni massima tiegħu/tagħha hija ta' zewġ terzi ta' €22000 fis-sena li tiġi 14666,67, u tgħodd magħha xi persentaġġ addizzjonali jekk il-persuna tkun ħadet il-pensjoni ta' 62, 63, 64, jew 65 sena flok ta' 61 sena. Min twieled mis-sena 1962 lil hawn il-pensjoni massima tiegħu/tagħha hija ta' żewġt terzi ta' €27679,35 fis-sena li tiġi 18452,90 u tgħodd magħha xi persentaġġ addizzjonali jekk il-persuna tkun ħadet il-pensjoni ta' 62 sena flok ta' 61 sena.

Qabelxejn u qabel nagħti xi eżempji hemm bżonn li nikkwota artiklu tal- Att 318 dwar is-sigurtà socjali, li jirrigwardja lil min għandu pensjoni oħra tas-servizz apparti dik tas-sigurtà soċjali:

'56. Meta persuna jkollha dritt għal Pensjoni tas-Servizz li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li ġiet kommutata, f'xi żmien, kollha, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 53 sa 55 ta' din it-Taqsima għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz.'

Mela, x'inhu jgħid dan l-artiklu tal ligi? Fi ftit kliem qed ifisser li l-pensjoni tas-servizz trid titnaqqas miż-żewġ terzi li pensjonant ikun intitolat għalihom mil pensjoni tas-sigurtà soċjali. Imma b'emendi li saru matul iż- żminijiet u li jaċevolaw lil pensjonant tas-servizz, il-pensjoni tas-servizz tiegħu/tagħha ma titnaqqasx kollha. Din is-sena, 2024, 'waiver' ta' €3466 ma titnaqqasx. Tabella (a) tindika kemm ammont ta' pensjoni tas-servizz ma titnaqqasx skont is-sena li bdew japplikaw dawn l-ammonti fil-liġi. Barra minn hekk meta pensjonant jagħlaq it-72 sena dik il parti tal pensjoni li tkun ikkommutata (mibjugħa), ukoll, ma titnaqqasx miż-zewġ terzi tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Meta jsir il-kalkolu u jsir it-tnaqqis kif spjegat, jekk ir-rizultat ikun inqas mit-tabella kif murija fl-iskeda tal- istess ligi, tabella (b), il-pensjonant ikun intitolat għar-rata kif murija fit-tieni jew fit-tielet kolonna, skont jekk il-pensjoni tas-servizz hix titħallas mill-Gvern Malti (Teżor), allura kolonna 2, jew mis-Servizzi Ingliżi, kolonna 3, u skont jekk hux persuna weħidha jew il-koppja għandhom pensjoni it-tnejn, allura tintuża r-rata 'single', jew jekk miżżewwgin u wieħed/waħda biss mill-koppja għandu/ha pensjoni, tintuża r-rata 'Married'.



Tabella (a)

| Year | Waiver € | Furthur Percentage Waiver of commuted amount at age 72 | Year | Waiver € | Furthur Percentage Waiver of commuted amount at age 72 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1997 | **466** | 50% | 2011 | **866** | 50% |
| 1998 | **466** | 50% | 2012 | **1066** | 50% |
| 1999 | **466** | 50% | 2013 | **1266** | 50% |
| 2000 | **466** | 50% | 2014 | **1466** | 50% |
| 2001 | **466** | 50% | 2015 | **1666** | 50% |
| 2002 | **466** | 50% | 2016 | **1866** | 50% |
| 2003 | **466** | 50% | 2017 | **2066** | 50% |
| 2004 | **466** | 50% | 2018 | **2266** | 50% |
| 2005 | **466** | 50% | 2019 | **2466** | 75% |
| 2006 | **466** | 50% | 2020 | **2666** | 75% |
| 2007 | **466** | 50% | 2021 | **2866** | 75% |
| 2008 | **466** | 50% | 2022 | **3066** | 100% |
| 2009 | **666** | 50% | 2023 | **3266** | 100% |
| 2010 | **666** | 50% | 2024 | **3466** | 100% |

Tabella (b)

| **MARRIED** | **RP, pensjoni tal-Irtirar għal min għandu pensjoni tas-Servizz** | **BS, pensjoni tal-Irtirar, għal min għandu pensjoni tas-'Servizzi Ingliżi'** |
|---|---|---|
| Contribution Average | € | € |
| 50-52 | 150.23 | 155.96 |
| 40-49 | 144.54 | 149.64 |
| 30-39 | 134.17 | 138.14 |
| 20-29 | 123.83 | 126.66 |
| **SINGLE** | **RP** | **BS** |
| Contribution Average | € | € |
| 50-52 | 133.11 | 135.71 |
| 40-49 | 129.31 | 131.61 |
| 30-39 | 122.37 | 124.18 |
| 20-29 | 115.45 | 116.73 |

‘Average’ tal-Kontribuzjonijiet biex jintuża mat-Tabella tal-’Pension Rates’, tabella (b) kolonna 1. Kif jinħadem: mhemmx isbaħ milli nġibu eżempju;

Persuna li ser tirtira ta’ 61 sena:

Mill-eta’ ta’ 18 il-sena sa ma għalqet il-61 sena ikunu għaddew medda ta’ 43 sena sħah. Mela jekk din il-persuna tkun ħadmet u dejjem ħallset il-bolol b’mod regolari ikollha 2240 bolol. L-‘average’ jiġi: 2240/43 = 52,1. Mela f’dan il-każ irridu naqraw ir-rata ta’ tabella (b) fl-ewwel ringiela, 50-52. Jekk din il-persuna tkun ħallset xi snin inqas bolol, ez 3 snin inqas, ir-rizultat ser jinbidel. L-’average’ jiġi: 2083/43 = 48,44. Allura f’dan il-kaz irridu naraw it-tieni ringiela ta’ tabella (b), 40-49.

Hekk mela ħdimna dak li jirrigwardja dwar bolol, issa wasal li nikkalkulaw is-salarji kurrenti għas sena 2024, jiġifieri la darba qegħdin nitkellmu fuq min għandu il-pensjoni massima, lil min attwalment tolqot din l-emenda, din is-sena qiegħed €22000. Fir-reviżjoni 2024, il-pensjoni massima mela tiġi 22000 x 2/3 = 14666,67. Eżempju ta’ xi ħadd li kellu pensjoni tas-servizz oriġinali ta’ €10000.

Mela jekk mill-pensjoni massima 2024 ta’ 14666,67 tnaqqas dik tas-servizz: 14666,67-10000 tiġi 4666,67, imma rridu nzidu €3466 (il-*waiver* 2024 skont tabella (a) u niġu ghal figura ta’ €8132,52 fis-sena li tigi 156,39 fil-Ġimgha. Jirriżulta li jekk ikun dejjem ħallas il-bolol, ikun qed jaqbeż l-’RP rate’ li għal persuna miżżewġa hija ta’ 150,23 fil-Ġimgħa. Allura dan ikun intitolat għal 156,39 li hija iżjed mir-rata ta’ tabella (b).

Eżempju iehor ta’ xi ħadd li għandu €15000 pensjoni tas-Servizz:

Mela:14666,67–15000+3466 = 3132,52 jew 60,24 fil-ġimgħa, 60,24 fil-gimgħa hija inqas mir-rata tal- RP skont tabella (b) u allura jibqa jieħu r-rata RP ta’ 150,23 li hija ogħla minn 60,24.

Eżempju ta’ xi Ħadd li kellu pensjoni tas-servizz ta’ €10000 u biegħ kwart minnha (€2500) u għandu 72 sena u dan il-kwart din is-sena mhux ser jiġi ikkunsidrat. Mela: 14666,67–10000+2500+3466 = 10632,67 jew €204,47 fil-Gimgħa, li tiġi izjed mir-rata ta’ tabella (b) allura jibda jieħu €204,47.

Nispera li wara dan l-artikolu kulħadd ikun jista jikkalkula is-sitwazzjoni tal-pensjoni tiegħu 2024. Tinsewx li mar-rata ta’ pensjoni, wieħed irid iżid il-*bonuses* ta’ Marzu u ta’ Settembru li tagħhom il-pensjonant jieħu €3,12 fil-ġimgħa, u il-*bonus* ta’ Ġunju u ta’ Diċembru ta’ 135,10 kull sitt xhur.



# Il-ħames kuġini għand in-nanna

***Kwadrett tas-sinjura Rita Atanasio, anżjana bħalna***

Liam tifel, bil-għaqal. Hu l-akbar fost ħames kuġini u, għalkemm għad għandu biss seba' snin, iħobb jitgħallem, jistaqsi u jieħu interess. Fil-klassi, dejjem minn ta' quddiem u, fl-eżamijiet, dejjem l-ewwel. Ħuh, Ryan, mhux inqas minnu. Iħobb jivvinta xi praspura ma' kuġinuh, Luca, li għandu ħames snin. Meta jiltaqgħu, Luca wkoll jieħu interess u jħobb jitgħallem.

Għand in-nanna, l-għors tagħhom jgħaddu l-ħin jilagħbu fil-ġnejna. In-nanna tiggustahom jirraġunaw u jiftiehmu bejniethom. F'nofs il-ġnejna, hemm vaska bil-ħut aħmar u Isaac, ħu ż-żgħir ta' Luca, jissaħħar jara l-ħut ileqq ġal-vaska. Meta tiġi z-zija Mildred, bl'iċken kuġin, Matthew, li għad għandu biss tliet xhur, Isaac iħobb imur jilgħab miegħu għand in-nanna u jistagħġeb bil-mossi tiegħu, biċ-ċapċip waqt li jgħid il-kelmiet, "mamma" u "papà". Isaac għad għandu biss sentejn u, għalih, ħaġa ġdida jara tarbija daqshekk ċkejkna tagħmel u tgħid dawn l-affarijiet.

Meta jkun hemm iz-ziju Matthew, ma tonqosx xi logħba ballun jew logħba noli. F'din il-logħba, ikollhom eċitament kbir ta' ferħ meta z-ziju Matthew jdum ifittixhom u jibqa' ma jsibhomx. Imma, f'daqqa waħda, kollha joħorġu jiġru minn fejn ikunu mistħbijin u jagħtuh daqqa ħafifa fuq dahru u z-ziju jagħmel tabirruħu li ħa qata' kbira. Tgħidx kemm jifirħu għax l-iskop tagħhom ikun intlaħaq.

Nhar ta' Sibt, wara l-quddies jgħaddu s'għand in-nanna li tkun qed tistennihom fuq ix-xwiek. Meta tarahom, tgħidx kemm tkun kuntenta. Tixwilhom il-ħobż, tlestilhom il-gallettini flimkien ma' xi biċċa kejk tajba milli tkun għamlet hi. Kif ilestu mill-kolazzjon, Liam imur ħdejn Tino, il-pony li għandha n-nanna ġol-maqjel fuq wara tal-ġardin; jagħmillu tiben nadif, jitimgħu u jisqih. Ryan imur jiġbor il-bajd minn taħt it-tiġieġ u, miegħu, jieħu lil Luca biex jgħinu jagħlef il-fniek u jnaddfilhom il-gallinar.

Kif ikunu kollha fuq xogħolhom, Isaac erħilu jġib il-kopp u jmur jaqbad il-ħut tal-ilma ħelu mill-vaska waqt li jidħak kemm jiflaħ. In-nanna tmur tara x'qed jagħmel u tispjegalu għaliex m'għandux jaqbadhom bil-kopp għax dawk m'humiex tajbin għall-ikel. L-oħrajn jiġu ħalli jaraw x'gara u, meta jarawh bil-kopp biex jaqbad il-ħut mill-vaska, tgħidx kemm jidħqu bil-qalb. Iċ-ċkejken Matthew x'aktarx li jkun għadu rieqed imma, bl-għajjat u d-daħk tagħhom, iqum u, xħin jarrahom jidħqu, jibda jċapċap u jifraħ magħhom huwa wkoll.

Ryan dilettant tal-ġinnastika u, għand in-nanna, trid tarah jitgħawweġ u jiġġebbed fuq it-tapit. In-nanna tinkwieta li ma jmurx iweġġa' għax, għal tifel ta' ħames snin, jagħmel movimenti tassew diffiċli. Imma Ryan malajr iserrħilha moħħha li, b'daqshekk, mhux ser iweġġa'. Id-dar tan-nanna tistħajjilha xi teatru żgħir bil-praspar li jivvintaw in-neputijiet.

Luca dilettant tal-maġija u, allura, jgħid liz-ziju Matthew jagħmillu liżar quddiemu. Appena z-ziju Matthew jgħid, "Abrakatabra", Luca jisgiċċa minn wara l-liżar b'ħeffa liema bħala u jistaħba wara l-ħajt. Kulħadd jibqa' mistagħġeb x'ħin iz-ziju jgħolli l-liżar u Luca ma jkunx hemm. Iz-ziju Matthew jerġa' jniżżel il-liżar, jerġa' jgħid il-kelma maġika u Luca joħrog minn wara l-ħajt u jmur wara l-liżar mill-ġdid. Kull min ikun fil-kamra jagħmel tabirruħu li qed jistagħġeb u li qed jemmen dak li qed jara u tgħidx kemm iċapċpulu. Fl-istess ħin, erħilhom jiggustaw l-innoċenza ta' dak id-daqsxejn ta' tifel ta' ħames snin. L-importanti li Luca jkun sodisfatt li kulħadd baqa' msaħħar bil-maġija tiegħu u bil-wirja li ta liz-zijiet, lill-kuġini kif ukoll lin-nanna. B'hekk, in-nofstanhar lanqas biss ikunu jafu kif għadda.

Wara dik il-wirja mpressjonanti, in-nanna ġġibilhom kejk tal-frott, gallettini u l-luminata u, wara li jitrejqu, kulħadd jitilqilha lejn id-dar ferħan u kuntent.





# Is-Surmast Carmelo Pace 1907-1993

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Is-Surmast Carmelo Pace ħalla din id-dinja fl-20 ta' Mejju 1993, fl-età ta' sitta u tmenin sena. Jiena persważ li ħafna li qed jaqraw dan l-artiklu jiftakruh sewwa. Kien bniedem umli u kalm ħafna u ħadem bis-sħiħ fil-qasam mużikali ta' gżiritna.

Is-Surmast Pace kien joħroġ il-flus minn butu biex jiġu esegwiti l-opri tiegħu għax kienu l-mimmi t'għajnejh. Il-ftit flus li kien jaqla' biex jgħix kienu mit-tagħlim privat tal-mużika li kien jagħti fid-dar tiegħu stess, fi Triq San Duminku, Tas-Sliema. Jien kont wieħed mill-istudenti tiegħu u dejjem stqarr miegħi li ma marx għalliem tal-mużika mal-gvern (avolja kieku kien jaqla' iżjed) biex jikkonċentra aktar fuq dawk il-ftit li, verament, riedu jitgħallmu l-mużika. B'sodisfazzjoni kien jgħidli: "Ara, bis-saħħa t'hekk, hawn ħafna surmastrijiet tal-baned u ħafna oħrajn fil-qasam tal-mużika li bdew minn din l-istess kamra fejn qegħdin." Kienet kamra mimlija mużika, bi pjanu antik fil-ġenb mimli karti u rivisti mużikali. Fin-nofs, mejda żgħira tħares lejn il-ħajt faċċata tal-bieb, li fuqha kien jgħallem, u tieqa tagħti għat-triq. F'pajjiżna, għamilna snin twal li, biex ikollok ċertifikat tajjeb u ta' bażi soda fit-tagħlim tal-mużika, ħtieġlek tmur għand is-Surmast Carmelo Pace.

Is-Surmast Pace kien iħobb jitkellem miegħi dwar il-mużika tal-imgħoddi u jsemmi ħafna ismijiet marbutin max-xena mużikali Maltija. Kemm jiddispjaċini llum il-ġurnata li ma ħadtx noti ta' dak li kien jgħidli! Kont għadni żgħir wisq biex napprezza dak li kien jirrakkuntali! Niftakar li, fost affarijiet oħra, dejjem kien isemmi lis-Surmast, Vincenzo Ciappara, li kien jiġi zijuh, ħu ommu. Qalli li kien hu li daħħlu jdoqq il-vjola fit-Teatru Rjal u li kien qabbdu x-xogħol ta' kopjista tal-mużika. X'aktarx li dan kien l-ewwel taħriġ ta' Carmelo Pace fil-qasam tal-kompożizzjoni. Minkejja li kkompona madwar ħames mitt biċċa xogħol mużikali, is-Surmast Pace dejjem stqarr miegħi li l-akbar sodisfazzjon tiegħu kien it-tagħlim tal-mużika, imbagħad, wara dik, il-kompożizzjoni.

Minħabba li minn dejjem kont midħla tal-kitba fuq il-ġurnali kif ukoll tal-qasam tax-xandir, jiena forsi naf lis-Surmast Pace xi ftit aktar. Kien dejjem attent x'jinkiteb dwaru fil-ġurnali u x'jingħad fuqu fix-xandir. Kien daqsxejn riżervat f'dan ir-rigward. Naturalment, bħal kulħadd, kien jieħu gost meta jara jew jisma' xi ħaġa pożittiva dwaru. Imma, fl-istess waqt, kien jibża' minn xi ħaġa li tista' tinftiehem ħażin. Kien sensittiv ħafna minn dan il-lat.

Ħaġa li ma tantx kien iniżżilha fl-istonku tiegħu kienet meta konna nitkellmu dwar l-għeruq tal-mużika folkloristika f'pajjiżna. Dejjem sostna miegħi li huwa kien l-ewwel kompożitur Malti li għamel użu mill-mużika folkloristika Maltija fil-kompożizzjoni. Hawn kien isemmi, u jurini bil-fatti, li, fl-1931, meta kellu xi ħamsa u għoxrin sena, kien ikkompona l-*Maltesina*, fantasija għal banda sinfonika bbażata fuq melodiji folkloristiċi Maltin b'arranġament għall-orkestra magħmul minnu stess ħames snin wara.

Carmelo Pace kien bniedem li jqum kmieni u jorqod kmieni. Kien jibda l-ħidma tiegħu jew jikkomponi jew inkella jikkopja u jaddatta l-mużika għall-orkestra tal-MCI li kienet ħafna għal qalbu. Kien jagħmel dan mingħajr ħlas, anzi kien jistqarr miegħi li kien iħallas l-abbonament annwali u joħroġ il-flus għall-karti tal-mużika minn butu.

Is-Sinjorina Georgette Caffari kienet il-forċina tal-ħidma tas-Surmast Pace. Twasslu bil-karozza tagħha, tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tax-xogħol tiegħu u, fuq kollox, tieħu ħsieb ir-*recordings* tax-xogħlijiet mużikali tiegħu. Jaħasra, kienu jkunu *recordings* misruqin, biex ngħidu hekk, b'xi *tape recorder* moħbi fil-*handbag* tagħha għax is-Surmast Pace kien dejjem jibża' li l-mużiċisti jaqilgħulu l-inkwiet u jitolbuh iżjed ħlas għar-*recording*. Jien kont konxju ta' dan u, bil-biża' tiegħu, dejjem qgħadt lura milli ndoqq xi xogħlijiet mużikali riċenti tiegħu.

L-aħħar intervista li għamiltlu kienet fl-1985, is-Sena Ewropea tal-Mużika. Jidher li kien għadu kif irtira mit-tagħlim tal-mużika għax niftakar li, bi tbissima, kien qalli li nista' mmur nintervistah xħin irrid għax ma kienx għadu marbut bil-lezzjonijiet. Kien tani intervista tajba ħafna u nistqarr magħkom li wieħed mid-dispjaċiri kbar li għandi hu li ma żammejtx kopja tagħha għal-librerija tiegħi. Ħallejtha biss għal-librerija tax-xandir. Nimmaġina li hemm għadha.

Forsi hawn wieħed jistaqsi x'kienet ir-raġuni li ma żammejtx *recording* ta' din l-intervista ta' bniedem li kont nammira ħafna għal ħidma mużikali tiegħu? Sempliċi. Ftit wara, kienet saret intervista oħra lis-Surmast Carmelo Pace fuq it-*television* u kont irrekordjajt lilha

fuq *video cassette*. Imma l-*video* saritlu xi ħsara u, xi ftit ilu, għaddejtu lill-Arkivji Nazzjonali ta' Santu Spirtu fir-Rabat biex jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex forsi jsalvaw dan ir-*recording*; l-aħħar wieħed tas-Surmast Carmelo Pace.

Il-lista ta' xogħlijiet mużikali tas-Surmast Pace tinkludi opri bi tliet atti, oratorji, għanjiet klassiċi, sinfoniji, kunċerti għal diversi strumenti, balletti, *mużica da camera* (li kienet għal qalbu ħafna u biha rebaħ diversi premjijiet) *suites* orkestrali u aktar. Imma, mingħajr dubju ta' xejn, ismu jibqa' marbut mal-opri li kkompona u ppreżenta (ħafna minnhom mal-librettista Vincenzo Maria Pellegrini) u li llum ngħid b'dispjaċir kbir li qegħdin jistrieħu fuq l-ixkafef tal-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral. Is-Surmast Pace kien irregala l-mużika tiegħu lil dan il-Mużew ftit qabel miet. Ħalla wkoll b'wirt li jsir kunċert annwali tal-mużika tiegħu.

Nixtieq nikkonkludi dan l-artiklu bix-xogħol, *Stabat Mater*, miktub fl-1982 meta Pace kellu sitta u sebgħin sena. Dan huwa xogħol li jiena u l-ħabib tiegħi, Joe Vella Bondin, studjuż u riċerkatur tal-mużika tas-Surmast Carmelo Pace, inqisu bħala l-aħjar xogħol mużikali fil-qasam tas-sagru. Donnu li hawn is-Surmast Pace ġabar l-esperjenzi mużikali kollha tiegħu f'dak li hu sagru u rabathom ma' din il-kompożizzjoni miktuba għal soprano, tenur, baxx, kor u orkestra kbira. Dan ix-xogħol mużikali huwa ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju.

Carmelo Pace kien bniedem devot ħafna; l-aktar tal-Madonna. Il-fidi u t-twemmin qawwijin tiegħu jinħassu sew f'din il-kompożizzjoni li, fuq xewqa tiegħu stess, il-partitura oriġinali tagħha ġiet ippreżentata minn Helen De Gabriele lil Papa San Ġwanni Pawlu ll.

Hija x-xewqa tiegħi li tintwera aktar ħeġġa għall-esekuzzjoni tax-xogħlijiet mużikali ta' Carmelo Pace; l-aktar issa meta, suppost, qed infakkru t-tletin sena minn mewtu. Tajjeb li ndoqqu l-mużika sabiħa tal-barranin imma m'għandniex inwarrbu dak li huwa tagħna.



# Ir-ritratt

***Kitba ta' Carmen Dimech***

Kos, hux, toqgħod tgħid, ritratt huwa mument iffriżat fiż-żmien; jieqaf kollox hemm u ma jixjieħ qatt aktar. Dan ir-ritratt, lili kienu ħaduhuli xi mkien lejn il-Mall jew l-Argotti, il-Furjana, fejn, dari, kien ikun hemm raġel li kellu kamera tar-ritratti antika wieqfa fuq tripied. Mal-kamera, kellu wkoll biċċa ċarruta sewda li, meta kien jiġi biex jiġbed xi ritratt, il-fotografu kien jidħol taħtha, ħalli l-kamera ma tarax dawl, jagħfas bħal bużżieqa sewda li kien ikollu f'idejh u hekk kien joħroġ dan l-imbierek ritratt; l-ewwel fuq negattiva tal-ħġieġ, jew tat-tertuqa, imbagħad wara, minn din in-negattiva, kien jizviluppa r-ritratt fuq biċċa karta fotografika.

U dan kollu, lili, jġegħelni naħseb. Ma kienx ikun sew kieku, mhux biss ir-ritratt, jieqaf hemm u ma jixjieħ qatt aktar imma anki jien? Ma kontx gustuża? Għidu s-sew! Għadni niftakar nara 'l ommi tħitli dik il-libsa roża, bil-frilli u bil-pontina; b'żewġt iċfuf ġo xagħri u b'dik il-*parasol* li żgur ma kinitx xtrathieli ommi. Kienet waħda minn tnejn li, probabbli, kien ġab miegħu minn Tunes in-nannu Kikku, missier ommi. Jien niftakarhom dejjem imremblin puliti fil-qiegħ tal-gwardarobba tal-kamra tas-sodda t'ommi. U xi ngħidu għal dik it-tbissima ta' ferħ tat-tfulija? Imma donni qed niddandan xi ftit b'dik l-umbrella tax-xemx li kienu ftit, jekk kien hemm, min kellu bħalha dak iż-żmien. Kieku waqaft hemm jien ukoll bħar-ritratt, kieku ma kontx nixjieħ u nsir anzjana kollni tikmix, laħam impaħpaħ, xjatika, uġiegħ tal-artrite u x'naf jien!

Imma, imbagħad, nerġa' pass lura. Kieku waqaft hemm, ma kontx niltaqa' mal-imħabba ta' ħajti; ma kienx ikolli t-tliet ulied tant għeżież għalija; u lanqas ma kien ikolli s-seba' ġojjiet ta' neputijiet li huma l-għaxqa ta' qalbi.

Ma nafx, forsi xtaqt waqaft hemm, kif jien fir-ritratt, għax dejjem laqatni dak il-vers mill-Vanġelu meta Kristu jgħid li, "tridu ssiru bħat-tfal biex tidħlu fis-Saltna tas-Sema!" U, hemmhekk, kulħadd jixtieq imur.

Imma, tafu x'qed naħseb ukoll, bejni u bejn ruħi? Kieku ġara hekk, jista' jagħti l-każ li, meta jasal iż-żmien biex nidher quddiem San Pietru, dak iwaqqafni u jgħidli: Ħoj int! Mhux se ndaħħlek il-Ġenna tafx, talli qgħadt titkessaħ b'dik l-umbrella tax-xemx biex tinki t-tfal l-oħra li ma kellhomx waħda bħalha!"

# Santa Rita, patruna tal-impossibbli



*Kitba ta' Fr Charles Buttigieg*

Santa Rita twieldet fl-1381 ġewwa Roccaporena fil-muntanji tal-Appennini qrib Cascia fl-Umbrija. Il-ġenituri tagħha kienu Antonio u Amata Lotti li kienu avvanzati fl-età meta twieldet il-qaddisa u, għalhekk, dejjem kienu jħarsu lejha bħala don ta' Alla. Kienu semmewha Margherita. Il-ġenituri tagħha kienu sinjuri u kienu jgħinu ħafna lill-foqra u jaħdmu għall-paċi f'Roccaporena. Fil-fatt, kellhom it-titlu ta' Conciliatore di Cristo. Jingħad li, dakinhar li tgħammdet, erbat ijiem wara li twieldet, ferħ tan-naħal dar ma' wiċċha mingħajr m'għamlilha ebda ħsara, anzi, nixxa l-għasel tiegħu fuq xofftejha. Fit-tfulija tagħha, ta' spiss kienet tmur fil-kunvent tas-sorijiet Agostinjani f'Cascia u kienet dejjem tixtieq issir soru bħalhom. Imma, meta kellha sbatax-il sena, il-ġenituri tagħha rranġawlha biex tiżżewweġ lil ċertu Paolo di Ferdinando di Mancino li l-familja tiegħu kienet waħda sinjura.

Minħabba l-karattru ta' żewġha u l-ħajja immorali tiegħu, il-ħajja miżżewġa ta' Santa Rita ma kinitx waħda faċli. Huma kellhom tewmin subien, Gian Giacomo Antonio u Paolo Maria. Bħala omm, Margerita kienet impenjata fit-trobbija taż-żewġ uliedha u fil-kura tad-dar filwaqt li żewgha kien gwardjan ta' Roccaporena fejn, dak iż-żmien, kien hemm ħafna tensjoni bejn il-Gwelfi u l-Gibellini. Kellha ssofri u tissaporti ħafna l-karattru vjolenti ta' żewġha imma kienet titlob għalih biex irattab qalbu magħha kif kien tassew għamel ftit qabel ma ħalla din id-dinja. Santa Rita kienet titlob ħafna għar-raġel tagħha biex jitħares mill-perikli ta' diversi kunflitti li kien isib ruħu fihom. Imma, jum minnhom, hu u ġej lura d-dar, Paolo safa' maqtul brutalment mill-għadu tiegħu, Guido Chiqui, f'għalqa tad-dwieli. Kienu ilhom miżżewġin tmintax-il sena. Din it-telfa ħalliet spirtu ta' rabja kbira fost uliedha li talbu vendetta għall-qtil ta' missierhom. Santa Rita, li dejjem ħafret lil dawk li qatlu lil żewġha, kienet titlob lil Alla biex uliedha ma jiżbaljawx u biex ma jwettqux xi qtil bħala vendetta għall-mewt ta' missierhom. It-toroq t'Alla huma misterjużi. Ġara li ż-żewġ uliedha mardu serjament bid-diżenterija u mietu t-tnejn f'temp ta' sena mill-mewt ta' missierhom. Minkejja din it-telfa u l-luttu kbir li ħakimha, hija rat il-grazzja li wliedha jmutu fil-paċi. U huwa f'dan il-mument kruċjali ta' ħajjitha, meta sfat mingħajr familja u waħedha, li reġgħet nibtet fiha x-xewqa għall-ħajja reliġjuża li kienet toħlom biha meta kienet għadha tifla. Imma, meta marret biex tidħol soru, ma ġietx aċċettata. Hija ma qatgħetx qalbha u, wara jiem ta' talb u penitenza, kellha dehra minn Alla. Kellha viżjoni ta' San Ġwann Battista, Santu Wistin u San Nikol ta' Tolentinu u ġiet mgħarrfa li t-talb tagħha kien ġie mismugħ u, b'mod mirakoluż, sabet ruħha titlob fil-kunvent ta' Cascia u s-sorijiet, ispirati minn dan il-miraklu, aċċettawha fil-ħajja tal-kunvent tagħhom.

Saret soru Agostinjana meta kellha sitta u tletin sena u għexet fis-skiet, fl-ubbidjenza, fit-talb, fil-penitenza u fil-ġabra din il-ħajja reliġjuża u kontemplattiva fil-kunvent ta' Marija Maddalena ta' Cascia għall-erbgħin sena sħaħ. Hija ġarret fuq moħħha x-xewka tal-kuruna tal-passjoni ta' Kristu li rċeviet mill-Kurċifiss li kienet titlob quddiemu fl-1442 meta kellha sittin sena. L-uġiegħ ta' din ix-xewka baqa' sa mewtha għalkemm, meta marret Ruma għall-Ġublew tal-1450, ix-xewka għabet għal ftit minn fuq moħħha u reġgħet tfaċċat meta marret lura Cascia. L-aħħar xewqa li kellha qabel mietet kienet li xtaqet warda mill-ġnien tal-familja tagħha u, minkejja li kien Jannar u kienet nieżla l-borra, il-kuġina tagħha marret u sabet il-warda li xtaqet Santa Rita.

Mietet fit-22 ta' Mejju tal-1457, fl-età ta' sitta u sebgħin sena bil-marda tat-tuberkulożi. Dakinhar li mietet, waħda soru rat ir-ruħ qaddisa tagħha tittajjar lejn is-sema akkompanjata mill-anġli u mid-daqq tal-qniepen li bdew idoqqu waħedhom. Minbarra dan, fwieħa ħelwa u dawl qawwi beda jitferrex mill-kamra fejn mietet mal-kunvent kollu. Wara mewtha, bdiet taqla' ħafna grazzji bl-interċessjoni tagħha u, b'hekk, Santa Rita bdiet tiġi meqjusa bħala l-qaddisa tal-impossibbli. Fost il-mirakli tal-fejqan li saru bl-interċessjoni tagħha, insibu l-fejqan ta' Batiste D'Angelo minn Colgiacone; Lucretia ta' Ser Pauolo minn Colforcello; Cecca d'Antonio; Salimene Antonio minn Poggio; Giacomuccia ta' Leonardo minn Ocone; Cecca ta' Gio minn Biselli; u oħrajn fl-1457 flimkien ma' Elisabetta Bergamini; Cosimo Pellegrini u tant u tant oħrajn fis-snin u fis-sekli ta' wara.

Kienet dikjarata beata fl-1628 mill-Papa Urbanu VIII u qaddisa mill-Papa Ljun XIII fl-1900. Santa Rita għexet ta' omm, ta' armla u ta' soru qaddisa. Il-Papa Ljun XIII, li għamilha qaddisa, sejħilha l-ġawhra prezzjuża tal-Umbrija. Il-ħajja qaddisa tagħha nkitbet mill-Agostinjan Jacob Carelicci. Jingħad li, meta jsir fejqan xi mkien fid-dinja bl-interċessjoni ta' Santa Rita, fwieħa ħelwa toħroġ mill-qabar tagħha fil-bażilika ddedikata lilha ġewwa Cascia. Anki ż-żejt li jdawwal il-lampa quddiem il-qabar tagħha jaqla' l-fejqan bl-interċessjoni ta' din il-qaddisa. Santa Rita hija wkoll il-patruna tar-romol, tal-familji f'diffikultajiet u ta' persuni li jsofru minn vjolenza domestika.

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet***

Kien hemm saltinbank jaħdem f'uffiċju; wieħed minn dawk li jagħli għax jisbaħ. Dejjem jaqgħad u jdur u jara kif ser jgħaddi ż-żmien biex ifittex jasal il-ħin li jitlaq 'il barra, jekk ma jsibx xi skuża u jiskarta qabel ukoll! Darba kien qed iħuf fl-uffiċju u jara armarju li ma tantx kien jintuża għax fih kienu jżommu l-imbarazz. Fetħu u sab lampa t'Aladdin. Ħakkha, ħareġ il-ġenju li qallu li hu seta' jaqtagħlu sa tliet xewqat u staqsieh x'ried. L-iskrivan qallu: "Nixtieqni qiegħed għall-kwiet, fuq ir-ramel, ħdejn il-baħar!" F'daqqa waħda, sab ruħu bilqiegħda fuq *deck-chair*, f'bajja ramlija u saqajh iċafċfu f'baħar melliesi.
Għoġbitu l-idea. "Issa," qallu, "nixtieq xi żewġ tfajliet sbieħ, bil-bikini jduru miegħi!" U hekk ġara.
"Issa," reġa' qallu, "nixtieq nibqa' f'post fejn ma jkolli għalfejn nagħmel assolutament xejn!" U reġa' sab ruħu l-uffiċju!

---

Wieħed raġel qal lill-ieħor: "Iddejjaqt naħsel il-platti, naħsel l-art, naħsel il-ħwejjeġ ..."
"U l-mara?" staqsieh l-ieħor.
"Hekk baqa' jonqos," ħatfu tal-ewwel, "naħsel il-mara wkoll! Le ta; dik tinħasel waħedha!"

---

Waħda marret għand il-kappillan u qaltlu li trid tiżżewweġ. Staqsietu xi kemm jiġiha t-tieġ, kollox inkluż, bejn wieħed u ieħor u hu qalilha mhux iktar minn €150. Qaltlu d-data u l-ħin, ħalsitu u l-kappillan qalilha biex tħalli kollox f'idejh għax kien ser jieħu ħsieb kollox hu.
Meta wasal il-jum, il-mara marret il-knisja liebsa l-libsa tat-tieġ u l-kappillan qalilha: "Fejnhu l-għarus?"
"Tajba din!" weġbitu l-mara. "Int m'għidtlix li ser tieħu ħsieb kollox int?"

# Il-Furjana

*Vincent Piccinino*

**Hawnhekk insib il-paċi;**
**hawnhekk insib il-kwiet;**
**hawnhekk insib il-hena,**
**'il bogħod mill-għagħa tal-bliet.**
**Hawnhekk insib l-ispazju;**
**hawnhekk insib il-ftuħ;**
**hawnhekk insib serħan il-moħħ**
**u qalbi tieħu r-ruħ.**
**Hawnhekk hawn arja friska**
**li tħossha ttik is-saħħa.**
**Hawnhekk ninsa kull saram**
**li ġġib il-ħajja magħha.**
**Hawnhekk insib il-faraġ;**
**hawnhekk insib is-sliem**
**u hawn ser nibqa' niġi**
**sakemm jasal it-tmiem.**

# Għad-dell taċ-ċipress

***Storja ta' Anthony Said mill-Furjana***



*Msida Bastion Historic Garden* huwa ċimiteru ta' żmien l-Ingliżi li jinsab fil-Furjana, fix-xaqliba tat-tramuntana, faċċata tal-Pietà u l-Isptar San Luqa. Fih, taħt iċ-ċipress, hemm midfunin bosta Ingliżi Protestanti kif ukoll Mikiel Anton Vassalli, li ndifen hemm minħabba t-twemmin tiegħu. Dan il-post dam żdingat u mitluq sal-1988, meta beda jsirlu r-restawr. Xi snin qabel, fid-Dipartiment tal-Artijiet, żewġ periti, Joseph Brincat u Albert Degabriele, kienu qed jiddiskutu mad-Direttur tad-Dipartiment.

"Jeħtieġ li nirrestawraw dak iċ-ċimiteru għax tassew jinsab fi stat tal-biki," qallhom id-Direttur. "Ħafna mill-oqbra jew ġew vandalizzati jew sfaw misruqin. Oħrajn għandhom jew il-ġebel ittiekel, jew il-ħadid imsaddad jew it-tnejn. Il-post mimli ħaxix ħażin u sar qisu ġungla. Li rrid mingħandkom għalissa hu li tmorru fuq il-post, taraw sew x'hemm, tieħdu r-ritratti u tagħmluli rapport dettaljat dwar l-istat tiegħu ħalli nkunu nistgħu nibdew ir-restawr li hemm bżonn."

Billi kien jum ta' temp sabiħ, iż-żewġ periti ma damux jaħsbuha wisq biex imorru l-Furjana. Ipparkjaw il-karozza fejn il-librerija pubblika u mxew sar-rixtellu msaddad, li ma kienx imsakkar.

"Ħawn jista' jaqbad u jidħol min irid!," skanta Albert li, f'idu, kellu *notebook* u pinna biex ikun jista' jieħu n-noti li kellhom bżonn. Sieħbu Joseph kellu kamera biex jieħu r-ritratti.

"Mhux għalhekk isir ħafna vandaliżmu, Bert," qallu Joseph. "Ara dak il-ħajt mat-triq kemm hu baxx. Tista' tidħol minn fejn trid!"



"Dawn il-postijiet iqabbduni l-bard!" reġa' Albert "Iġri llestu ħa nitilqu 'l hemm!"

"Nitilqu għadna ġejjin?" tbissem sieħbu, hekk kif wasal fil-bieb u daħal fiċ-ċimiteru. "Ejja u toqgħodx tibża'! Hawnhekk mejtin biss hawn, tafx!"

"Għalhekk jaqbadni l-bard Ġuż!" wieġbu Albert iħares madwaru qisu kien qed jistenna xi mejjet iqum għalih u jaħtfu xi ħatfa.

"U mur aħsel għajnek!" qallu Joseph. "Ibża' mill-ħajjin, mela mill-mejtin?"

Iż-żewġ periti bdew jagħmlu dak li kellhom jagħmlu u malajr għaddiet nofs siegħa. Il-ġnien kien mimli ħaxix għoli u siġar li kibru tant bl-addoċċ li għeruqhom xpakkaw il-paviment f'bosta nħawi. Il-periti, li ma kinux jafu x'ser isibu, kienu libsin żarbun tajjeb, mhux żarbun tax-xogħol u, allura, tgħidx kemm-il darba kienu ser jiżolqu fuq il-ħaxix li trabba kullimkien matul iż-żmien.

"Ħawn żgur ser nikser saqajja b'daż-żarbun, daqskemm jiżloq dal-ġebel," gerger Albert. "Setgħu qalulna biex, imqar, konna nilbsu żarbun addattat!"

"Kemm teqred qed ngħid ta Bert!" ċanfru sieħbu bla ma waqaf jiġbed ir-ritratt tal-oqbra, tal-ħitan u tal-paviment, wieħed wara l-ieħor. "Ma qalulniex li dal-post żdingat waħda sew? Jekk qed tiżloq, neħħi ż-żarbun u imxi ħafi!"

"U tgħid mhux hekk? Biex indaħħal xi dimonju ġo saqajja u ndabbar it-tetnu!" qallu Albert.

Komplew iduru u, f'ħin minnhom, Joseph ħtieġlu jidħol taħt siġra għad-dell biex jibdel il-*film* tar-ritratti fil-kamera. Albert mexa biċċa 'l quddiem u kien ser jerġa' lura imma, mis-siġra ta' warajh, ħarġet biċċa injama ħoxna li niżlet bis-saħħa fuq rasu. Għal ftit sekondi, Albert baqa' ċċassat, imbagħad, miel lura u nqabad minn par dirgħajn sodi li kaxkruh għal taħt is-siġra.

"Nistgħu inkomplu, Bert," qal Joseph. Imma ħadd ma wieġbu. Kien ser jerġa' jsejjaħlu meta, fl-art, fuq il-ħaxix, ra n-*notebook* u l-pinna tal-kollega tiegħu. Joseph inħasad u reġa' sejjaħ lil Albert; din id-darba, b'leħen aktar għoli imma l-unika tweġiba li ħa kien l-eku tiegħu stess. "Dak fejn mar?" reġa' qal Joseph li beda jittama li sieħbu ma ġralu xejn. Dam ftit ifittex u wasal sat-tarf taċ-ċimiteru, fejn hemm veduta ferm sabiħa tad-daħla tal-Pietà. Imma hu ma kienx moħħu fil-veduti dak il-ħin. F'ħin minnhom, sema' karba, ħareġ ġo fetħa u waqaf miblugħ. Ra lil sieħbu, Albert, bilqiegħda fl-art, fi stat ta' sturdament qawwi, b'għajnejh imbexxqin u rasu titbandal

minn naħa għall-oħra.

"Hemm xi ġralek?" qallu Joseph kif ra l-istat imsejken li fih kien il-kollega tiegħu. Joseph kien ftit beżgħan imma aktar kompla jinħasad xħin ħass lil xi ħadd itaptaplu fuq spalltu. Joseph dar f'daqqa u msarnu niżlu f'saqajh. Quddiemu, ra raġel daqshiex iħares lejh biċċiera.



"X'qed tagħmlu hawn, sieħbi?" staqsa l-ġolf bil-kalma kollha. Joseph kien qed jirtogħod u bilkemm seta' jitkellem.

"Aħna periti tal-Gvern ... ġejna naraw l-istat ta' dan il-post ... biex nagħmlu rapport," temtem Joseph li, issa, beda jibża' li kien ser jispiċċa bħal sieħbu.

"Ma tafx li, hawnhekk, niġu ngħaddu siegħa żmien nonsbu, ħabib?" reġa' qallu l-ġgant. "Tridux tħalluna bi kwietna, xbin, għax gerrixtulna l-għasafar!"

"Imma ... dan post pubbliku ... u post sagru ... ma tistgħux tonsbu hawn!" issogra jgħidlu Joseph, li kliemu kienu donnhom ħerġin waħedhom. Mingħajr avviż, il-musulew fetaħ dirgħajh u, b'id waħda, qabad lil Joseph minn sidru, bl-oħra ħataflu l-kamera minn idu u mexa bih sa ma sabbtu ma ħajt.

"Din tista' tgħidilha *bye-bye*," qallu hekk kif waddab il-kamera minn fuq is-sur għal isfel.

"Imm' aħna ... xogħolna qed nagħmlu ... u xejn iżjed" ittanta jgħidlu Joseph meta ra l-kamera tgħib għal ġol-foss. "Aħna fuq xogħol tal-Gvern qegħdin!"

"M'intix qed tifhem, hux, sabiħ?" qallu l-ġolf. "Hawn post il-passatemp tagħna! Issa, jekk ma tridnix inħallik imdendel ma' siġra mill-ingravata tiegħek stess, aqbad lil sieħbek u iġruli 'l barra minn hawn b'saqajkom ma' daharkom!"



Joseph u Albert ġrew b'kemm kellhom forza f'riġlejhom u ma waqfux qabel daħlu fil-karozza. "Prosit, x'kedda dik!" qal Joseph xħin waqaf jilheġ.

"Prosit tassew, Ġuż" kompla Albert. "Irranġani għall-frisk dak il-mingħul; x'tuġgħani rasi! Issa x'ser nagħmlu? Ħadna battikata għalxejn għax la n-noti u lanqas ir-ritratti m'għandna!"

"Imma jien għandi dan!" qallu Joseph bi tbissima waqt li, mill-but, ħareġ il-*film* ta' sitta-u-tletin ritratt li kien bidel qabel. "Ir-rapport xorta nistgħu nagħmluh Bert u, lil dak il-pulikarja, nuruh xi nsarrfu! Xi tgħid, eh?"

Għaddew is-snin u *Msida Bastion Cemetary* ġie restawrat u sar *Msida Bastion Historical Garden* biex jitgawda mill-pubbliku kollu u mhux biss minn dawk il-ftit li kkapparrawh għall-egoiżmu tagħhom.

Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-*magazine*.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-fuljett ikun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibgħatuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna *email* fuq: **maltakna@gmail.com**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jippubblika kull kitba li jista' jirċievi jew le.

# Qoxra ta' gandoffla

***Storjella ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija***

Bertu kien żagħżugħ studjuż u, fil-klassi, dejjem kien jiġi minn ta' quddiem. Kien fil-ħames sena tal-kulleġġ u kien wasal biex jagħmel l-eżamijiet tal-matrikola. Ix-xewqa ta' missieru kienet li ibnu jsir tabib u Bertu ma kienx kontra dak li xtaq għalih missieru.

Fis-sajf, Bertu, flimkien mal-familja tiegħu, kienu jitilgħu San Ġiljan fejn kellhom daqsxejn ta' dar tal-villeġġatura. Dik il-ħabta, San Ġiljan kien għadu mogħni bis-sliem. Imma, jekk, matul ix-xitwa, kien ikun hemm biss xi tlitt elef ruħ, fis-sajf, dawn kienu jirduppjaw. Dik iż-żiffa tfewwaħ b'riħet il-baħar; dik id-dehra tal-Bajja ta' Spinola li, xħin tħares lejha u tara d-djar fuq ix-xaqliba l-oħra, kont tistħajlek qiegħed Venezja. U xi ngħidu għal dawk il-ħafna kajjikki u frejgatini jitbandlu mat-taħrik tal-mewġ?

Bertu kien ikollu seba' mitt sena biex ifittex jasal is-sajf u jmorru fil-post tal-villeġġatura. Hemm kien jistrieħ u, għal ftit taż-żmien, kien iwarrab l-istudji tal-iskola, għalkemm xi ktieb ta' avventura jew xi *detective story* qatt ma kienu jonqsu minn idejh. Imma, l-akbar serħan il-moħħ kien isibu meta kien imur jgħum jew jistagħad. Missieru kien imur ifittex il-gambli u, fuq il-blat tad-Dragonara, lil Bertu erħilu jistagħad kollu ħerqan. Ma kienx jistagħad għal ħut kbir; ftit ħut irqiq li bih ommu kienet tagħmel naqra meraq tal-aljotta.



Kien iħobb imur ukoll fil-Bajja ta' San Ġorġ, jieħu għawma qasira u, imbagħad, joqgħod jixxemmex fuq ir-ramel. Darba waħda, wara ftit li mtedd fuq ix-xugaman, lemaħ tifel ta' xi seba' snin li kien qed jilgħab bir-ramel. F'idejh kellu qoxra ta' gandoffla li biha kien qed iħaffer ħofra ċkejkna u, minn ħin għall-ieħor, kien jimla l-qoxra tal-gandoffla bl-ilma baħar u jixħtu fil-ħofra.

Għal mument, Bertu warrab ħarstu minn fuq it-tifel u qagħad iħares lejn tarf il-bajja. Fil-bogħod, lemaħ vapur. Kienu jinteressawh il-vapuri u, għaldaqstant, baqa jsegwih miexi bil-mod, biċ-ċumnija tpejjep id-duħħan, sa ma dan għeb wara l-blat tad-Dragunara.

Sadattant, it-tfajjel kien għadu mitluf jilgħab bir-ramel meta, f'ħin bla waqt, waqaf ħesrem mill-logħob u, bla mistenni, infexx jibki. Bla ma qagħad jaħsibha, Bertu qam minn fejn kien u mar ħdejh ħalli jara x'kien ġralu. Xejn ta' barra minn hawn; sempliċiment kien niggeż kemxejn subgħajh bix-xifer jaqta' tal-gandoffla. Wara li żiegħel ftit bih, Bertu mar iġib maktur u xxuttalu l-ħajta demm li nfirxet mal-wejda tat-tifel.

Sadanittant, tfaċċat tfajla sbejħa, smajra, b'xagħarha qastni li ġiet tara x'kien ġralu ħuha ż-żgħir. Sabet lil Bertu qed jixxuttalu dak id-daqsxejn demm b'tant ħlewwa u kura. Bertu u x-xbejba taw ħarsa lejn xulxin, tbissmu u baqgħu għal ħin jistudjaw wiċċ xulxin. Bertu qatt ma kien kellem tfajla qabel imma, dak il-waqt li xeħet ħarstu fuqha, ħass ċerta ġibda lejha u hekk ukoll ġralha t-tfajla.

"Dan ħuk?" staqsieha.

"Iva, ħija ż-żgħir; il-fessud u l-għaġġieb!"

"Skużani sinjorina, għax lanqas naf x'jismek!" reġa' beda jgħidilha.

"Jien Carmelina, u int?"

"Jien proprjament jisimni Albert imma sħabi tal-kulleġġ kollha Bertu jgħiduli," weġibha. Dik il-laqgħa qasira bejn Bertu u Carmelina għaddiet bħal fewġa riħ imma l-ġibda lejn xulxin baqgħet tħeġġeġ fi qlubhom.

Għadda ż-żmien, Bertu għamel l-eżamijiet tal-Matrikola u mhux biss għadda bl-unuri imma talli ġie minn ta' quddiem ukoll. Daħal l-Università u beda kors fil-mediċina. Spiss kien jeħtieġlu jmur l-isptar għall-lezzjonijiet tal-prattika mal-professuri. Flimkien maż-żgħażagħ li kienu qed jistudjaw biex isiru tobba, kien hemm ukoll għadd ta' żgħażagħ oħra jistudjaw biex isiru paramediċi. Bertu lanqas ried jemmen lil għajnejh meta, fost dawk iż-żgħażagħ, lemaħ lil Carmelina u l-bidu ta' namur li kien ixxettel fuq ir-ramel tal-Bajja ta' San Ġorġ reġa' xegħel mill-ġdid fi qlubhom.

F'kull ħin ħieles li kien ikollhom u wara li jispiċċaw mill-lezzjonijiet, Bertu u Carmelina kienu jfittxu li jmorru għal passiġġati twal flimkien, jgħidu kliem ta' mħabba lil xulxin u, fi ftit kliem, jagħmlu dak kollu li jagħmlu żgħażagħ bħalhom f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Carmelina saret nurse u, ftit wara, Bertu sar tabib. It-tnejn kienu jservu l-isptar u, allura, kien faċli għalihom li l-ħin tal-mistrieħ iqattgħuh flimkien mitlufin fil-ħolm tan-namur sa ma wasal il-jum tat-tieġ tagħhom. Fil-Knisja ta' San Pawl Nawfraġu fil-Belt, Bertu, liebes gala, kien qiegħed ħdejn Carmelina liebsa libsa bajda silġ u b'rasha mgħottija b'velu miżgħud antaċċjoli leqqiena. Kienu għarkupptejhom f'riġlejn l-artal.



Qassis liebes pjaneta mirquma b'rakkmu tad-deheb, kien qed jgħaqqadhom fis-Sagrament għażiż taż-żwieġ. Wara ċ-ċerimonja, mill-but, Bertu ħareġ kaxxetta ckejkna u, minn ġo fiha, ħareġ qoxra żgħira ta' gandoffla, ingastata f'labra tad-deheb, u qalilha: "Għażiża Carmelina tiegħi, din għalik għax kienet hi li, bis-saħħa tagħha, laqqgħetna ma' xulxin u wasslitna biex ningħaqdu f'dan iż-żwieġ għal dejjem!"

# Ix-xjuħija id f'id ma' Santu Wistin




***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.***

Id-duttur tal-Knisja, Santu Wistin, huwa wieħed mill-qaddisin l-aktar favoriti tiegħi; biex ma ngħidx l-aktar wieħed ukoll, wara San Franġisk! Dan għax Santu Wistin, bħal San Franġisk, ħajtu għexha tassew. U ngħid għexiex! Kemm meta kien fi strada stretta u anki meta l-grazzja tal-Mulej tellgħetu strada rjali, jew, aħjar, fit-triq tal-qdusija.

Illum, nixtieq naqsam magħkom żewġ ħsibijiet tassew sbieħ dwar ix-xjuħija li kiteb dan il-qaddis kbir. L-ewwel wieħed jgħid hekk: *L-Edukazzjoni hija l-ikel taż-żgħażagħ, il-ferħ tax-xjuħija, l-ornament tal-għana, ir-refuġju u l-komfort tal-inkwiet u l-provokazzjoni tal-grazzja tar-ruħ.* Smajtu x'qalilna l-kbir Santu Wistin? L-edukazzjoni hija l-ferħ tax-xjuħija! Din is-sentenza nista' naħlef għaliha jien! U dan għax il-Mulej ilaqqagħni ma' ħafna anzjani li jaraw l-edukazzjoni bħala xi ħaġa li tferraħhom. Għadd ta' anzjani jgħiduli bil-ferħ kemm studjaw u kemm-il kors għamlu f'ħajjithom.

Imbagħad, hemm għadd minnhom li, fuq il-komodina ħdejn is-sodda tagħhom, taralhom xi ktieb sabiħ li, bħal biċċa ċikkulata tajba, joħdulek ċangatura minnu kuljum. Fi kliem ieħor, kuljum jaqraw silta minnu u jimmeditaw fuqha. U, ma' dan, ma nistax, bi gratitudni kbira lill-Mulej, ma nsemmix lill-exsuperjur ġenerali tal-Mużew, il-bravu u mibki Victor Delicata. Dan ir-raġel kbir, li kien jaf imexxi b'delikatezza kbira u kien tassew jasal, u jwassal lil ħaddieħor, għas-sewwa tal-Mulej b'din it-triq hekk għażiża u meħtieġa ta' anzjan, kien iħobb jgħidilna: *Meta taqraw ktieb, aqraw biċċa minnu kuljum u, fejn jolqotkom, immarkawha.*

Illum, ngħid li l-metodu mill-aktar prattiku tiegħu għallimni kif inħalli lill-Mulej jgħinni ninterjorizza l-għerf miżmum fi ktieb. Dan l-għerf wieħed ma jaqbadx u jibilgħu f'nifs għax jispiċċa biex ma jieħu l-ebda benefiċċju minnu minħabba li jinsa dak li jkun qara! Meta naqra, għandi naqra bil-mod u nirrifletti u nixtarr sew fuq dak kollu li naqra! B'hekk, dak li naqra, jagħmilli l-ġid tassew għax jinżel ġo fija u jsir, bil-mod il-mod, sur qawwi ta' għerf u għarfien.

Rigward il-ferħ tat-tagħlim, ma rridx ninsa lil dawk l-anzjani li, avolja ma jafux jiktbu jew jaqraw, xorta waħda, fi xjuħithom, tawha għat-tagħlim. L-aktar permezz ta' dokumentarji fuq it-televiżjoni u anki fuq l-*internet*, speċjalment fuq *You Tube*. Tagħlim ta' din ix-xorta jgħinhom bis-sħiħ biex, anki fi xjuħithom, jissukktaw jitgħallmu. U l-akbar benefiċċju ta' dan kollu hu li mhux biss jimlew ħinhom u hekk iħossuhom anqas waħedhom imma jibqgħu f'kuntatt mad-dinja ta' madwarhom u anki jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom fl-iżvilupp tar-riflessjoni fuq suġġetti varji.

Imbagħad, il-kbir Santu Wistin għandu sentenza oħra tassew ħelwa rigward ix-xjuħija li tgħid hekk: Ħalli x-xjuħija tiegħi tkun bħat-tfal u t-tfulija tiegħek bħax-xjuħija. Ħalli hekk, l-għerf tiegħek qatt ma jkun imħallat bil-kburija jew l-umiltà tiegħek mingħajr l-għerf. X'riflessjoni din hux! Iva, ix-xjuħija għandha tgħinna nkunu bħat-tfal għax nifirħu b'kollox! U nifirħu b'kull biċċa għerf li l-Mulej jagħtina f'dan iż-żmien daqshekk importanti ta' ħajjitna! Għax, tassew, li kull naqra għerf li l-Mulej jitmagħna u jżoqqna f'dan il-perjodu fejn ħajjitna fuq din l-art tfittex li jkollha epilogu, aħna mhux biss nifirħu bih imma nfittxu li naqsmuh ma' ħaddieħor ukoll. Għax huwa xi ħaġa prezzjuża ħafna u, għax hija prezzjuża, hija ta' ġid komuni għall-oħrajn!

Il-Vanġelu jgħallimna meta jgħidilna: *'Ifirħu miegħi għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli›*. U, *'Ifirħu miegħi għax sibt id-drakma li kienet intilfitli'*. Għax l-għerf veru jibda' b'mod personali u jsir personali u, imbagħad, jiġi msarraf f'affarijiet materjali. L-ewwel nitgħallem għaliex qed ngħix u, wara, niżviluppa sistemi ta' kif għandi ngħix. B'hekk ngħix aħjar. Ma ninsewx li, fiż-żewġ frażijiet ta' Santu Wistin, hemm preżenti l-virtù tal-umiltà. Għax hija umiltà, u umiltà kbira, li, f'ħajti, naqsam mal-oħrajn l-għerf li tani l-Mulej. U, iva, naqsmu bil-ferħ ukoll! Għax hekk sewwa.

Jalla l-anzjanità tagħna tkun sejħa bla ma taqta' xejn ta' ferħ għal ħutna żgħażagħ biex, waqt li jitħaddtu magħna, ninjettawlhom f'ħajjithom dak il-veru għerf li tkellem fuqu Santu Wistin. Ħalli huma wkoll, anki jekk għadhom żgħar fl-età, jibdew, minn issa, igawdu l-ferħ tal-ħajja permezz tal-għerf li ngħaddulhom minn qalbna!

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
### tal-Prof. Oliver Friggieri




# Kif kienet iddur is-sena

Meta l-lira kellha għoxrin xelin u kull xelin kellu tnax-il sold, familja bħal tagħna kienet tgħaddiha b'madwar nofs lira kuljum. Niftakar lil ommi tqassam in-nofs lira ta' kull għodwa biex isservina ġurnata sħiħa. Ma konniex ngħixu b'geddumna fix-xgħir imma, bis-salarju tiegħu ta' ftit għexieren ta' liri, missieri wasal biex rabba familja ta' sitta b'mod deċenti ħafna. Kollox kien jimxi skont programm, minn jum għal ieħor, skont kalendarju fiss li jindera u mhux lakemm jinkiser. Ħajja sempliċi li, fi żmien inqas minn tletin sena, jien u nħares lura lejha, inqisha sensiela ta' stampi tal-inkwadri, bħallikieku ħolma li wieħed jiggustaha basta, issa li għaddiet, ma jixtiqhiex iżżejjed.

Kienet għadha ħolma kull ġurnata sa minn xħin jisbaħ. Mill-gallinari ta' fuq il-bjut jew fil-btieħi, kienu jibdew jiddnu s-sriedak għalenija, qishom kor wieħed, bi tweġiba bejniethom minn naħa għal oħra. L-għajta ġentili tagħhom kienet l-ewwel tokk tal-arloġġ tan-natura li jerġa' jsejjaħ għall-qawmien ta' jum ġdid b'dawk l-ilħna, f'dik is-sikta, minn kull naħa! Bħal ommijiet oħrajn, ommi kienet tieħu dik l-għajta bħala l-ewwel tokk ta' żveljarin biex tibda titħarrek fil-friex, tbexxaq għajnejha u taħseb biex toħroġ mis-sodda. Kien ikun għadu kmieni għalina biex inqumu. Issa, li l-ommijiet bdew ibakkru, is-sriedak setgħu, bħallikieku, jisktu mill-ġdid, u hekk kienu jagħmlu. Bħall-annimali l-oħrajn ħlejjaq sbieħ u twajba u mkasbra ta' Alla, is-serduk għandu d-dinjità naturali tiegħu huwa wkoll, bħal kull ħlejqa li Alla ħalla l-marki tas-swaba' Tiegħu fuqha, biex tingħaraf u tkun maħbuba. Ommi kienet tħobb tfakkarna li, fid-dar ta' zijietha, fejn trabbiet, kellhom is-sriedak u t-tiġieġ u jien u ħuti konna nitolbuha biex nagħmlu gallinar bihom aħna wkoll. "Ma nistgħux, għax la għandna bejt u lanqas bitħa", kienet tgħidilna; "huma jridu fejn jimirħu."

Qabelxejn, id-dar kellha l-programm tagħha kif tinżamm skont pjan, kważi liturġiku, ta' sena sħiħa. Kien hemm il-purtieri tas-sajf, irqaq, ta' lewn ċar jew bajdani u, forsi, trasparenti li kienu jinħarġu mill-kxaxen tal-gwardarobba malli tibda ddoqq l-ewwel sħana ta' Ġunju. Id-dħul tax-xitwa, malli jiksaħ it-temp, kien iġib bidla kbira. Kienu, minnufih, jiddendlu l-purtieri tax-xitwa, ħoxnin, aktarx skuri, tqal u xejn trasparenti. Kienet tinkines kinsa sewwa l-art kollha u, imbagħad, tara t-twapet, mibrumin fl-irkejjen moħbijin fejn kienu jintrefgħu, ħerġin biex jgħattu l-ispazji prominenti tas-salott u tal-kamra tal-pranzu. Kmamar inqas prominenti, bħall-kamra tal-ikel ta' kuljum, kellhom it-tapit modest tagħhom ukoll. U fl-intrata, iħakkek mal-bieb, kien jixref it-tapit li kulħadd, issa li tkun bdiet traxxax ix-xita, kien mistenni jimsaħ iż-żarbun fih.

Għalina, is-sajf kien ifisser ukoll id-dehra tal-ħsajjar li kienu jkunu ilhom merfugħin sena sħiħa fil-kamra tal-għodda, kmajra ta' oġġetti wżati, bottijiet taż-żebgħa u affarijiet oħra. Ommi kienet tibda biex tara li ebda ħasira ma kien fiha qasab miksur jew milwi u, għalhekk, kienet tiksi l-ħsajjar b'linja rqiqa ta' drapp meħjut magħhom mat-truf. Missieri kien ikun bil-flokk ta' taħt biex ikun eħfef hu u tiela' mal-ħajt ta' fuq it-twieqi fejn żewġ grampuni, aktarx diġà msaddin, kienu jistennew lill-ħsajjar jerġgħu jiddendlu magħhom għal staġun ieħor.

Ma' dħul is-sajf, ommi kienet tkun diġà qalgħet is-saqqijiet biex toħroġ minnhom il-ħaxixa, (kull saqqu tagħna kien magħmul mill-ħaxixa), tfettaħha u tberraħha għal jum jew tnejn u, jekk jista' jkun, ixxemmixha. Kienet miżura ta' ndafa. Is-saqqijiet, mimlijin bil-ħaxixa ma kinux komdi wisq u aktarx iebsin ladarba l-ħaxixa, wara ċertu żmien, kienet, bħallikieku, tagħqad. Minn żmien għal ieħor, kien hemm il-ħtieġa li s-saqqijiet jinfetħu biex il-ħaxixa, li kienet qisha ħafna zkuk nexfin irqaq u mdaħħla f'xulxin bħall-ispag jew bħall-ħbula, terġa' teħfief u tinħall. Ommi kienet tħabbrilna minn jiem qabel li kienet se taqla' s-saqqijiet u aħna konna nitolbuha biex din il-biċċa xogħol tagħmilha s-Sibt, meta ma kienx ikollna skola. Is-saqqijiet kienu jinfetħu billi jinħallu l-qfieli li kellhom fuq ġenb wieħed, qfieli bojod marbutin b'ċoff li ommi biss kienet trid tagħmlu. U hi biss kienet tagħmlu tajjeb! L-imħaded, bis-suf tan-nagħaġ jew bir-rix tat-tiġieġ u tas-sriedak, kienu jinfetħu u jitberrħu wkoll u, għalina t-tfal tal-ħamsinijiet, dan kollu kien festa: l-art tal-kamra fejn konna nkunu kienet issir qisha għalqa ħamrija ratba li stajna nitmierħu u naqbżu fuqha.

L-akbar attività fid-dar kienet issir fl-istaġun tal-Għid, qabel is-sajf, meta tkun riesqa l-festa ta' San Publju.

Din il-festa kienet iġġib magħha t-tberik, il-wasla tal-Arċipriet, bl-abbati miegħu, li jidħol fid-dar, f'mixja bieb bieb u jixħet ftit ilma mbierek f'kull kamra, jew fil-kmamar ewlenin, u jgħid talba u, imbagħad, jgħid kelmtejn waqt li wieħed kien joffrilu grokk jew xi ħaġa oħra x'jixrob. Ommi, bħall-ommijiet l-oħra, kienet trid turihom kemm darna kienet armata tajjeb għall-wasla qasira tagħhom. Missieri kien jaħraq ftit qasab tal-inċens Indjan biex id-dar tfewwaħ ukoll. Xi drabi, ma marx għax-xogħol biex ikun hemm żgur għall-wasla tal-Arċipriet. Kien jerfa' nofstanhar frank għalhekk. Dak kien il-mument qasir tat-tberik.

L-istaġuni ma stajniex narawhom mill-qrib għaddejjin fin-natura minħabba li ma kellniex ġnien u l-ftit qsari li kienet trabbi ommi fil-gallerija ta' ġewwa u ta' barra kienu jħaddru s-sena kollha. L-istaġuni konna ngħarfuhom bis-saħħa tal-kuntrast bejn is-sħana tas-sajf u l-kesħa tax-xitwa u xejn rebbiegħa u xejn ħarifa. Ommi kienet issemmi l-mezzutemp waqt li missieri kien isemmi dejjem it-tibdil tal-arja li hu kien jemmen li jġib l-irjiħat kollha miegħu. Għalih, l-iċken tqaħqiħa kienet tħabbira tas-sogħla u l-inqas tħarħira tal-imnieħer kienet sinjal ta' flissjoni. Ix-xitwa kienet tistħoqq merħba speċjali. Kienet iġġib bidla liema bħalha magħha. L-ewwel xita kienet festa. Konna nintasbu wara l-ħġieġ tat-tieqa u narawha nieżla, għallinqas sakemm nidrawha. Jekk konna fil-klassi tal-iskola, ma konna rridu xejn biex, bl-għalliema magħna b'kollox, ninfexxu nkantaw il-kantaliena li, għallinqas sal-ħamsinijiet, kienu għadhom jafuha bl-amment ħafna tfal: "Agħmel, xita, agħmel, ħalli jikber il-ħaxix, il-ħaxix intuh 'il-mogħża u l-mogħża ttina l-ħalib."

Malli tibda dieħla x-xitwa, jinħarġu l-kutri li l-ewwel kienu jagħmlu ġurnata fuq il-ħabel tal-inxir biex jitberrħu u mbagħad kienu jinfirxu fuq sodditna, għal waħda tnejn, skont il-kesħa. Meta l-kutri ma kinux ilaħħqu mal-kesħa, fuq is-sodda konna nifirxu wkoll il-kowtijiet il-qodma t'ommi jew xi ġlekkijiet li missieri ma kienx għadu jilbes. Għas-sajf, kien jinħareġ il-fann li, bil-modestja kollha tiegħu, kien mistenni jifrex ftit żiffa mad-dar kollha! Ma' dħul is-sajf, il-kutri kienu jerġgħu jintrefgħu u konna norqdu b'liżar biss fuqna. Bħala regola, fl-iljieli sħan, missieri kien jaqla' s-saqqijiet minn fuq is-sodod u aħna nimteddu lkoll fuqhom fl-art, fil-kamra tal-ikel, bit-tieqa miftuħa beraħ fuqna. Ommi kienet tibża' li tidħol xi wirdiena jew farfett il-lejl. Dawn l-iljieli bis-saqqu fl-art kienu speċjali għalina. Imma l-ordni kienet dejjem li ma nagħmlux ħsejjes żejda filgħaxija jew matul il-lejl biex ma ndejqux in-nies li kienu joqogħdu taħtna.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha, (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għal aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-*website* - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem.



# Ftit frak tal-ftira

*Rakkont ta'Lina Brockdorff*

Rakela twieldet u baqgħet tgħix fir-raħal ċkejken ta' Emmaws flimkien maż-żewġ ħutha, Kleofa u Levi, li kienu akbar minnha. Kellha madwar tletin sena; dejjem mehdija bix-xogħol tad-dar, bil-ħasil tal-ħwejjeġ, issajjar u tgħaġen il-ftajjar biex, xħin ħutha jaslu d-dar mill-għelieqi, isibu x'jieklu. Kienet kuntenta tgħix hekk; qatt ma ħasset l-iċken ħajra għaż-żwieġ.

It-tlieta li huma trabbew minn ġenituri Lhud li, sinċerament, kienu jgħożżu t-twemmin tagħhom. Għalhekk, kull sena, meta jasal l-Għid, ħutha kellhom id-drawwa jmorru Ġerusalemm biex iżuru t-Tempju. Rakela kienet tibqa' d-dar. Ibda biex, ħalli, flimkien maż-żewġt iklieb kbar li kellhom, tgħasses id-dwejra. Barra minn hekk, kienet taf li, jekk tmur fit-Tempju, ma setgħetx tkun ma' ħutha l-ħin kollu għax in-nisa kienu jinfirdu mill-irġiel u kellhom in-naħa tagħhom fejn jitolbu. Kienet ftit timida u l-ħsieb li trid tħabbat wiċċha ma' tant nies ma tafhomx li jmorru għall-festa kien jaqtgħalha qalbha. Għalxejn ħutha, sena wara l-oħra, kienu jippruvaw jagħmlulha l-kuraġġ. Fl-aħħar, qatgħu qalbhom minnha. Xejn xejn, meta jaslu lura mill-belt, isibu platt sħun u ftajjar imsajrin għadhom sħan. Wara mixja twila bħal dik, kienu jinżlulhom għasel.

Dik is-sena, bħas-soltu, Kleofa u Levi kienu bla sabar jistennew li tasal il-festa tal-Għid. Ħejjew l-aħjar ilbies li kellhom u telqu, imma mhux qabel wissew lil oħthom biex, qabel torqod, tara li ssakkar il-bieb ta' barra sew u zżomm il-klieb madwarha l-ħin kollu.

Għalkemm timida, Rakela ma kinitx xi beżżiegħa imma kienet tgħodd is-sigħat sa ma l-klieb jibdew jingħu għax ixommu lil ħutha resqin lura u joħorġu jiltaqgħu magħhom meta jkunu għadhom imbegħdin biċċa sewwa. Bħas-soltu, dik is-sena, ħejjiet l-ikla tal-Għid bil-ħaruf għal jum il-festa, sa ma ħutha jiġu lura d-dar. Anki l-mejda kienet armata u lesta. Kemm kienet tkun ferħana tistennihom ġejjin! Fl-aħħar, il-klieb taw l-ewwel sinjal li ħutha ma kinux bogħod wisq.

Marret fuq l-għatba biex tilqagħhom imma ... skantat daqsxejn! Dawk huma jew le? Għax, minflok tnejn, kienu tlieta. Bdiet togħrok għajnejha. Kif jista' jkun? U, xħin waslu fil-qrib u setgħet tagħraf sew, qatgħetha li t-tielet raġel ma kinitx tafu. Dak żgur ma kienx mir-raħal ta' Emmaws għax Rakela kienet taf lil kulħadd f'dak ir-raħal ċkejken. Malli waslu, ħutha qalulha li dak ir-ragel kien ser jibqa' magħhom għal-lejl għax kien joqgħod f'raħal imbiegħed u kien dalam wisq biex iħalluh imur lura waħdu.

Meta daħlu ġewwa, xammew ir-riħa tfuħ tal-ftajjar, li kienu għadhom kemm inħmew, flimkien mar-riħa bnina tal-ħaruf. Rakela mill-ewwel ħasbet biex tnewlilhom friskatur bl-ilma u xugaman, ħalli jaħslu riġlejhom. Naturalment, il-mistieden kien l-ewwel wieħed li għamel hekk. Sadattant, Rakela bdiet tirranġa l-mejda tal-ikel li, qabel, kienet armata għal tnejn imma, issa, kienu ser ikunu tlieta. Ma ħabblitx moħħha dwar l-ikel. Dak li sajret żgur iservi għal kulħadd. Ma kellhiex id-drawwa tiekol magħhom; hi sservihom u, imbagħad, tiekol wara li jlestu huma.

Fuq il-mejda, kien hemm sjuni żgħar biż-żebbuġ li, minnhom, bdew inaqqru l-irġiel sa ma tasal il-ftira. Kien hemm ukoll ħass, kappar, ħjar, tadam u ħut imqadded, żejt u imbid, abjad u aħmar, flimkien ma' buqar bl-ilma. Fl-aħħar, Rakela waslet bil-ftira fuq platt kbir li poġġiet quddiem il-mistieden ħalli turih rispett. Kienet għadha ħdejhom xħin il-mistieden beda t-talba. Baqgħet wieqfa hemm ma tiċċaqlaqx. Il-mistieden ħa l-ftira f'idejh, berikha, qasamha fi tnejn u newwel biċċa kull wieħed lill-irġiel. Kif mank ħalla biċċa għalih!

Imbagħad ... imbagħad ... ħaġa li ma titwemminx, dak il-mistieden ma deherx aktar; sparixxa! Rakela kien ser jagħtiha ħass ħazin u żammet ma' tarf il-mejda waqt li l-irġiel qamu minn mal-mejda u bdew jitkellmu f'daqqa: "Hu kien! Dak hu kien, il-kbir Profeta! Imma kif ma ndunajniex qabel, minkejja li qalbna kienet imkebbsa bl-imħabba għalih? Imxi, Kleofa ... imxi mmorru lura minn fejn ġejna ħalli ngħidu kollox lil ħutna ta' Ġerusalemm!"



"Iva, għall-inqas, kulu xi ħaġa qabel tmorru! ... Ma tarawx li mhux sew tmorru f'dad-dlam kollu ... ?"

"Tħabbilx rasek, oħt; ħallik mill-ikel ... tinkwetax għax dalam, ser nieħdu fanal magħna. Ejja sakkar il-bieb warajna!"

Rakela kienet qisha skantata; bilkemm temmen dak li ġara. Sakkret il-bieb u bdiet isejjaħ lill-klieb. Fejn kienu? Daħlet tigri 'l ġewwa, għax issoponiet fejn; qed jixxabtu mal-fuklar fejn kien hemm il-ħaruf imsajjar! Tathom ftit għadam li spolpjat malajr malajr waqt li fakkret lilha nnifisha li aħjar tiekol xi ħaga hija wkoll. Tassew ħassitha fjakka imma, qabel, xtaqet tagħmel xi ħag' oħra. Ġabet sarvetta bajda nadifa u, ġo fiha, geżwret il-ftira maqsuma fi tnejn; dik jeħtieġ li terfagħha. Imbagħad, fittxet għal frak li setgħu waqgħu minnha meta l-mistieden speċjali qasamha. Sabithom u għamlithom f'sarvetta nadifa oħra.

Meta Kleofa u Levi waslu lura mill-belt, tgħidx kemm damu jirrakkuntaw dwar kif laqgħuhom ħuthom ta' Ġerusalemm.

"Min kellu jgħidilna li kellna nerġgħu immorru lura l-belt hekk malajr?" qal Levi.

"Dak mhu xejn ... " wieġbet Rakela, "issa ser ikollkom terġgħu tmorru biex toħduni s'għand omm il-Profeta, għax irrid inwasslilha dawk il-biċċtejn ftajjar li binha kellu f'idu meta ġie f'darna."

Għalxejn ħutha ppruvaw jirraġunaw magħha li huma ma kinux jifilħu jerġgħu jmorru Ġerusalemm; ma ħalliethomx bi kwiethom sa ma jeħduha. U tagħha għaddiet!

Meta waslet lura Emmaws, tgħidx kemm kienet mimlija biha nnifisha għax, għall-ewwel darba, kienet rifset fil-belt imqaddsa ta' Ġerusalemm. U, aktar minn hekk, kienet ferħana għax irnexxielha tara 'l omm dak il-mistieden speċjali li, Tiegħu, kien fadlilha biss tifkira; dawk il-ftit frak tal-ftira!

---

# The affair

***A story by Liz Bajada***



Meg and I had been very good friends since our school days. During the final year, as was the custom, we school leavers organised a big party. It was here that Brian and Meg met. It was love at first sight.

Meg's father ran an affluent business and, after leaving school, Meg started working for him. Brian decided to continue his studies and, eventually, graduated as an Accountant. It came as no surprise that, as soon as Brian got a good job, plans were made for their marriage. I was very pleased to be invited to my best friend's wedding which was quite a big event as Meg was an only child and, as far as her father was concerned, only the best was good enough for his princess.

Meg's father's business flourished so much that he decided to engage more staff. Brian was also asked to join the business since, besides having the know-how, he was now also a member of the family. Once Meg and Brian's family started to grow, they decided that Meg should stay at home to look after their four offsprings. However, we did keep in touch and, from time to time, we would still go out for a coffee at the place we used to frequent when we were in our teens. Although I was not married, somehow, Meg was at ease talking to me about her family problems. But I did not feel competent enough to give her any sound, marital advice. And, yet, she felt that she could trust me and seemed content that, at least, I listened to her.

A couple of years before Meg and Brian celebrated their twenty-fifth wedding anniversary, Meg's parents passed away and Brian had to step into his father-in-law's shoes and become the company's Managing Director. By this time, all their four children had left the family nest, either to go to university or to set up their own home. Trudi, the eldest, made them grandparents and lived quite near to them. As Trudi was a single parent, Meg tried to help her as much as she could by looking after her little girl whenever it was necessary. However, after having such a busy life looking after four kids, her husband as well as their house, Meg felt that she had a lot of spare time on her hands. It was then that she told Brian that she intended to return to the office. Brian did not seem to welcome the news and he told her that it would be better

to take some time out and enjoy herself.

When she phoned me up and asked whether I was free for coffee, I willingly accepted her invitation. That morning, Meg sought my opinion on her idea of returning to work, even if only on a part-time basis. "That would be splendid" I replied. "How about calling at the office one afternoon to see whether you still like the atmosphere there? You may find that, after all this time, things are very different and you might have a change of heart. There's no harm in trying." I encouraged her.

Not long after this meeting, the doorbell rang and I was quite surprised to see Meg who called unannounced. She just stood there on the doorstep and breathlessly exclaimed, "June, I believe Brian is having an affair! The day after we met, I called at the office, as you had suggested, and the receptionist informed me that, recently, Brian started working mornings only. Not to cause a stir, I immediately left the office and went home. I was not just upset, I was furious and very suspicious as he had not told me anything about his new schedule. I waited anxiously for his return. He came home at more or less the usual hour. He was also his usual self, you know, asking me about my day and enquiring whether there was any news from the kids. Since he did not broach the subject, I decided to do so myself. I told him that I had stopped at the office and had not found him in. He replied that he had some important business which he had to attend to and quickly changed the subject by asking what I had prepared for dinner. I immediately decided to engage a private detective to find out what he was up to. What else could I do? The thought that there was someone else in his life kept nagging at me. I felt hurt and betrayed. Twenty-five years of marriage were no joke and I had always thought that there were no secrets between us. I couldn't tolerate this!"

I froze at this unexpected news. I had always thought of Meg and Brian as the perfect couple. Was Brian cheating on her or was Meg imagining things? There must be a reason behind his being absent from the office every afternoon. But, if he was clean about it, why had he kept it a secret from her? All the advise I could give Meg was to wait for the private detective's report and then take it up from there.

I waited anxiously for her to call. I did not dare call her myself as I did not want her to feel that I was prying into her personal affairs. Three weeks later, I happened to be sitting at our favourite coffee shop when Meg walked by and came and sat beside me as if we had had an appointment to meet there and then, which we hadn't. "June," she began; "I'm so glad I found you here and sorry for not contacting you earlier! So much has happened since we last met!" She looked haggard and worn out. Gone was the old Meg I knew!

She continued to explain that, when she saw the private detective's report and the photos he had taken of the house that Brian went to every afternoon, she realised that it was Trudi's place, their own daughter. It turned out that Trudi's child had, suddenly, become very ill and, in order not to worry her mother, she had turned to her Dad for his help. Brian was taking every afternoon off to tend the poor child so that Trudi could attend to her part-time work.

On reading the report, Meg decided to, unexpectedly, go to Trudi's house with the excuse of wanting to see her darling grandchild. It was then that she found Brian with the kid. In a way, Meg's unexpected visit was a surprise to him as well. For a brief moment, he looked very much like a little boy who had been found out! But, on the other hand, it was a relief for him to make a clean breast of it and let his loving wife know the truth. In this way, they could also share the task. He didn't tell Meg because he didn't want to worry her. He was wrong, to be sure, and she was annoyed with him but, at least, his intentions were good.

However, Meg still insisted that her suspicion of an affair was correct. There was, indeed, a lady involved but, in this case, it met with Meg's full approval. Her husband certainly had good tastes! "She's a very pretty lady," Meg continued, "and I'm not saying this because she happens to be our grand-daughter!" Meg was also very pleased to let me know that the little one is now much better but, by that time, she had got used to her lover! As a matter of fact, Brian was not with Meg just then because he had taken the child out for a ride in his car; and with Meg's blessing as well!



# Il-vjaġġ tal-ħajja

***Kitba ta' David Degabriele***



Ilkoll nafu li ż-żmien ma jistenna lil ħadd; la lili u lanqas lilek. Iż-żmien igerbeb, m'għandux serħan; il-minutiera tal-arloġġ tibqa' tterraq. Jgħaddu l-ġranet, il-ġimgħat u s-snin. Triq dritta dritta. M'hemmx *motels*, *hotels* jew *bus-stops* fit-triq tal-ħajja. Ma tistax tieqaf għax, il-mument li tieqaf, jgħabbuk u jġorruk.

Tkun għadek tifel, issir żagħżugħ; la jimpurtak u lanqas tagħti kas li, xi darba, ser tixjieħ. Imma l-mixja taż-żmien wisq jimpurtaha x'taħseb int u ma tieqaf f'ebda *stop* jew port, jekk mhux għax tkun waslet fil-venda u fi tmiem il-vjaġġ.

Ilkoll niftakru meta konna tfal, nivvintaw biex ser nilagħbu. Konna nitkarrbu biex iħalluna nilagħbu fit-triq ma' sħabna. Imbagħad, tfaċċa t-*television*. Ilkoll niftakru kemm qattajna siegħat fuq il-bankina nħarsu lejh fil-vetrina tal-ħanut. U kemm konna nonfħu meta l-istampa kienet tintilef fir-ross? Imbagħad, wasal il-*cordless*. Niftakru lil xi fanfru f'nofs Strada Rjali, bil-*cordless* ma' widnejh. U kemm kien goff! Imbagħad, pass pass, f'Malta daħal il-*compute*r ukoll. Illum, kważi tista' tgħid li kulħadd bil-*mobile* ċkejken, f'idejh jew fil-but. Ilkoll rajna bidliet kbar imma, meta nindunaw kemm kienet twila l-medda taż-żmien sakemm illum spiċċajna nkaxkru saqajna, nirrealizzaw ukoll li, bħan-nanna u n-nannu, aħna wkoll spiċċajna vittmi taż-żmien.

Bħal vjaġġ ta' vapur, il-vjaġġ tal-ħajja jibda f'ġuf ommna u jissokta bla waqfien lejn it-tmiem sa ma jasal fil-port tal-eternità. L-istess bħal mixja tax-xemx li, mal-jum, tivvjaġġa lejn il-punent sa ma tgħosfor taħt ix-xefaq u jsaltnu d-dlam u l-baħħ.

Ġesù jirrakonta dwar wieħed sinjur li siker meta ra l-abbundanza fl-għelieqi tiegħu. Malajr ħema pjan f'moħħu. Jibni mħażen kbar u jaħżen. Imbagħad, jiekol u jixxala għax għandu għal ħafna snin. Imma, qallu l-Ħallieq, "Iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura!"

Ħażin jekk taħseb li l-futur etern tiegħek tista' tibnih fuq kemm irnexxielek iġġemma' u trekken! Tibqax tara kollox f'termini ta' flus! Irrealizza li, l-affarijiet materjali, aktar ma tgħannaqhom ma' qalbek, aktar issibha diffiċli biex tinfatam minnhom qabel l-aħħar nifs. Dawn, għal min ma jafx, mhuma xejn għajr saborra; mażżra u ankra. Fil-vjaġġ etern, ifixkluk u jtaqqluk. Tispiċċa tintilef u ma tasal qatt sal-barkun.

L-aħħar ferrovija m'għandha ebda skeda. Ħażin jekk tinzerta xi TGV, (*train a' grande vitesse*), li taraha fuqek u ma ttik ebda ċans tippakkja l-valiġġi imma ġġorrok magħha xorta waħda, trid jew ma tridx.

Tipposponix! Kun realistiku u agħraf li, għada, jista' jkun tard wisq. Ħadd ma ngħata garanzija. Il-festa tat-tieg imħejjija. Naħseb li jkun għaqli jekk nilbsu l-libsa tat-tieġ u ma naqilgħuhiex minn fuqna ħalli, meta jiġi tat-*taxi*, jaqbad u jwassalna sas-sala.

Ma nserrħux rasna għax inħossuna aħjar minn ħaddieħor. Xejn mhu garantit. Lanqas fejn tidħol il-bjuda tal-lożor; tqabbilx u tikkomparax! Ftakar li l-imħallef tiegħek mhijiex il-folla imma l-Mulej.

Forsi llum ma tantx għadna nisimgħuha imma, dak li minn dejjem kien verità, għadu u jibqa' verità. Ġesù jistenna li nimxu warajh. Hu jaf it-triq. Jekk iżżomm għajnejk fuqu, ma titfixkilx. Jiċċalinġjana. Qatt ma wegħedna passiġġata. Hi verità wkoll li, ħafna drabi, trid tgħid le u tiċċaħħad minn dak li jgħammxilna għajnejna u jxennaqna. Imma Hu wegħedna wkoll li ser jimxi magħna, jipproteġina, iħarisna u jippreparana għall-eternità biex inkunu tiegħu u miegħu għal dejjem. X'irridu aktar?

Hu ħallielna kors ta' studju u ta' prattika. Ilkoll mistennijin nistudjawh u ngħixuh kuljum u kullimkien; fid-dar, fit-triq, fil-knisja, kullimkien. Il-kors maqsum f'żewġ taqsimiet li jmorru flimkien; waħda tibni fuq l-oħra. Tħobb il-Mulej b'qalbek kollha u tħobb lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.

Għandek ħajtek kollha tistudja, tippratika u tipprepara għall-eżami finali. Kulħadd irid joqgħod għalih; iż-żgħir, il-kbir, il-fqir, is-sinjur, l-injurant u l-ġenju. M'għandekx ċans tevitah. L-uniku dokument li jitħalla f'idek huwa l-pitazz mimli deskrizzjonijiet ta' kull jum ta' ħajtek.

Żewġ mistoqsijiet trid twieġeb. Ħabbejt il-Mulej b'qalbek kollha? U, l-oħra, ħabbejt il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek? It-tweġibiet ikunu fil-pitazz li ttella' miegħek. U lkoll nafu x'jiġri jekk teħel f'dan it-*test* sempliċi; tispiċċa biex titlef il-qaleb u l-ġbejna. L-eternità tagħna naħmuha aħna stess! Ejjew ma nintilfux f'dak li mhu xejn ħlief tiżjin, tradizzjonijiet, drawwiet u folklor! Jalla li, meta jasal il-jum u, fil-bieb, San Pietru jitlobna biex jagħti daqqa t'għajn lejn il-pitazz, jgħidilna prosit qabel ma jdaħħalna fis-sala tal-eżami.

Meta l-vapur ta' ħajjitna jasal fil-port tal-eternità, inkunu mitlubin nippreżentaw il-*bill of lading* li, bħall-pitazz, ikollu deskrizzjoni sħiħa ta' dak kollu li għabbejna u ġarrejna sa ma wasalna fil-*port* tad-destinazzjoni aħħarija. Ma nilagħbux bil-futur tagħna! Ġesù qal li, fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll. Ejjew nitgħallmu nifthu jdejna u ninfattmu u ninħallu mill-irbit. Jekk qalbek ankrajtha ma' dak li taħseb li hu tiegħek, ser issibha kważi impossibbli li tinħall u titla' 'l fuq. It-teżori huma mażżra li tniżżlek 'l isfel. Torbot xejn ma' qalbek! Tippruvax tlaħħaq ma' kollox għax titlef kollox! Tiżfinx ma' kulħadd u ma' kollox għax tispiċċa titfixkel f'saqajk. Toqgħodx tħares lura għax tispiċċa f'xi ħofra. Ftakar li niċċa waħda hemm f'qalbek; iddeċiedi lil min ser tpoġġi fiha. Pedestal wieħed għandek; iddeċiedi lil min ser itella' fuqu.

Ejjew nimmaturaw! Iż-żmien igerbeb. Sakemm għadu binhar, nistgħu nirranġaw. Hemm il-futur etern fin-nofs! Jekk qed tinduna li hemm fiex tista' tirranġa u tibdel, tħallix għal għada! Tissugrax li titlef kollox! Dakinhar, ikun tard wisq! Ma jkollniex ċans niġġebbdu dwar il-prezz. Is-sejħa hija radikali. Jekk tibqa' mgħobbi b'dak li hu tad-dinja, teħel u ma tgħaddix għax it-triq hija dejqa. Ġesù huwa t-triq. Warajh, mhux għal rasna. Għandna bżonn lil xulxin. Warajh imma flimkien!



# TISLIBA Nru.116

Minn Albert Howard Madiona

**Mimdudin:**

1. Mogħti għal ftit  (6)
5. Bla xagħar (6)
10. Stenbaħ (3)
12. Li hu ta’: Ġej minn Ruma (5)
14. Spirtu tal-melħ (5)
15. Isem ta’ mara (4)
16. Nofs ‘L’ (2)
17. Xuttaġni (5)
19. Isem Andrew bil-malti (5)
22. Imferraħ (8)
24. Naħla Ingliża?! (3)
25. Minfud (6)
28. Kellu prova li kien band’ oħra (5)
31. Aktar minn tabib wieħed (5)
33. Kuntemplat (7)
35. Isem ta’ raħal Għawdxi (5)
37. *Royal Academy* (1.1)
38. Dawn ta’ żmien il-qedem (6)
39. Kisja; Qoxra (5)

**Weqfin:**

2. Li għandu temperatura ogħla (5)
3. Isem ta’ wieħed mill-appostli (4)
4. Ġenituri bl-ulied (7)
6. Hekk ikun (5)
7. Imperatur (6)
8. Abbli; Ta’ ħila (6)
9. Kattiv; Brutali (6)
11. Stenbaħ (3)
13. Twieled in-Naxxar (7)
18. Riġel (4)
20. Bosta dubbien (7)
21. Retta bla ta! (3)
23. Stat maħkum minn Granduka (9)
26. Frotta li tistenniha taqa’ f’ħalqek! (6)
27. Mhux xellugi (6)
29  Sadattant (6)
30. Strofa (6)
32. Tgħodd flimkien bl’Ingliż (3)
34. Nieqsa mis-smigħ (5)
36. Ikxef; Esponi (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta’ €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 115 intrebaħ mis-Sinjura J. Gatt – Mosta, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 115

**Mimdudin:** 1. qattus, 5. asfalt, 10. ant, 12. ombra, 14. mutur, 15. bram, 16. ta, 17. aspru, 19. nemel, 22. arretrat, 24. ali, 25. klikka, 28. basar, 31. frenċ, 33. bellusi, 35. parti, 37. un, 38. attent u 39. mqita.
**Weqfin:** 2. agata, 3. tram, 4. suttana, 6. sabta, 7. tellus, 8. żraben, 9. korner, 11. nut, 13. applaws, 18. dlik, 20. maltemp, 21. eli, 23. tabilħaqq, 26. aladin, 27. kabord, 29. rvinat, 30. tfajla, 32 ċar, u 34. urtat




# Żbalji postali

*Kitba ta' Antoine Vassallo*




Illum nibda b'pajjiż imbiegħed sew minna imma li, bħalna, joħroġ sett tal-Milied kull sena. Fl-1985, in-*New Zealand* ħarġet tliet bolli bl-isem ta', *Silent night, Holy night,* li juru disinji tan-Natività, ir-Rgħajja u l-Anġli. Iddeċidew li jżidu kliem, pjuttost żgħir, biex jispeċifikaw iktar l-okkażjoni. Imma, sfortunatament, jew bi żball ta' min għamel id-disinn jew, forsi, peress li ma kinitx stamperija midħla tal-lingwa Ingliża, (Enschedé tal-Olanda), il-kelma 'CHRISTMAS' inkitbet 'CRISTMAS' u ma ndunawx bl-iżball mill-ewwel. Infatti, laħqu stampawhom u lestewhom qabel intebħu. Reġgħu stampawhom mill-ġdid ikkoreġuti imma xi ftit laħqu skappaw u nbiegħu bi prezz mhux ħażin mid-dilettanti.




Hekk ġara wkoll fl-Alġerija fl-2023 għas-set annwali tal-Jum tat-Turiżmu. Yasmina Boukhari tqabbdet turi l-arċipelagu, Abiba, 'il barra minn Oran fuq ix-xtajta Mediterranja. Intqal li fittxet fuq l-*internet* biex issib ritratt, għażlet wieħed mis-sit tar-Radju Alġerin imma, stranament, kien totalment żbaljat. Infatti, dan juri parti minn Franza. U, allura, minflok, l-Alġerija rriklamat il-gżejjer Sanguinaires, fil-Golf ta' Ajaccio, Corsica. Ma nistax nifhem kif ħadd ma nduna b'xejn!




Immur ftit iktar lura u nuri bolla tal-1956 tar-Rumanija li ħarġet biex tikkommemora l-ħames anniversarju mill-introduzzjoni tal-biedja kollettiva. Imma, malli dawn il-bolli ħarġu fl-idejn, xi ħadd induna, (jew ftakar), li, fil-fatt, din l-istrateġija, (soċjalista jew kommunista), kienet bdiet titħaddem fl-1949 u, għaldaqstant, is-sena 1956 kienet is-seba' anniversarju u mhux il-ħames. Ftit tal-ġimgħat wara, inħarġet bolla oħra, din id-darba, bid-dati korretti.




Inkomplu nersqu iktar qrib ta' żmienna u nuri bolla Taljana li tfakkar il-Kamra tal-Kummerċ tal-belt Kalabriża ta' Cosenza. Id-disinjatur, Fabio Abbati, iddeċieda li jġib dehra tas-sede tal-*Camera di Commercio* imma għamel difett ċkejken ċkejken. Ma nafx hux ħtija tiegħu jew ta' min rama l-faċċata tal-binja imma li naf żgur hu li l-bnadar huma maqlubin. Infatti, il-bandiera nazzjonali suppost li tkun fuq ix-xellug għalkemm, biex inkunu għidna kollox, x'aktarx li teħtieġ lenti biex tiddistingwihom.




U, fl-aħħar nett, fil-Bosnia, hemm iżjed minn amministrazzjoni postali waħda u, iktar kmieni din is-sena, l-2024, ilkoll iddeċidew li jfakkru is-seba' ċentinarju mill-mewt tal-esploratur famuż, Marco Polo (Marka Pola). Imma d-disinn ta' Mostar li għażlu, għalkemm attraenti u eleganti kemm tridu, fih difett anakronistiku storiku minħabba l-fatt li l-bastimenti li jidhru fl-isfond żgur li ma jmorrux lura għas-seklu tlettax jew erbatax, jiġifieri, fi żmien Marco Polo.

# Pitturi famużi

***Kitba ta' Vincent Piccinino***



**Henri Rousseau 1844 – 1910**

Henri Rousseau huwa pittur Post-Impressjonista Franċiż u huwa kkonsidrat bħala wieħed mill-esponenti ewlenin tal-pittura *naive*. Il-pittura *naive* qisha tpinġija magħmula mit-tfal. Jekk tħares lejn dan is-*self-portrait*, li Rousseau għamel fl-1890, u tara l-mod li bih il-pittur ittratta l-figuri li hemm fil-kwadru, is-sħab u x-xemx kif ukoll il-bandieri li jżejnu l-bastiment, tista' faċilment tasal għall-konklużjoni li din hija opra ta' xi ħadd tajjeb fid-disinn imma immatur fl-arti tal-pittura.



Rousseau twieled f'Laval, fi Franza, fil-21 ta' Mejju tal-1844. Missieru kien landier u, meta kien żgħir, kien imġiegħel jaħdem miegħu. Daħal fi skola bħala *boarder* meta missieru falla u kellu jitlaq minn Laval għax ħadulhom id-dar fejn kienu joqogħdu. L-iskola ma kienx xi stilla imma rebaħ premjijiet fit-tpinġija u fil-mużika. Wara l-iskola, daħal jaħdem ma' avukat u anki beda jistudja l-liġi imma nqabad jixhed falz u, fl-1863, ħtieġlu jfittex rifuġju fl-armata, fejn serva għal erba' snin.



Fl-1868, missieru miet u, biex ikun jista' jmantni lil ommu armla, mar Pariġi u impjega ruħu mal-gvern bħala kollettur tad-dazju fuq affarijiet deħlin Pariġi. Huwa għalhekk li Henri Rousseau ngħata l-laqam ta' *Id-Dwanier*. Beda jpinġi bis-serjetà wara li għalaq l-erbgħin sena u, meta għalaq id-disgħa u erbgħin, fl-1893, irtira mix-xogħol għalkollox ħalli jkun jista' jiddedika l-ħin kollu tiegħu għall-arti. F'dan iż-żmien, biex jissupplimenta l-pensjoni żgħira li kellu, kien jagħmel xi xogħol *part-time* u anki kien idoqq il-vjolin fit-toroq ta' Pariġi.



Matul ħajtu, Rousseau kien irredikolat mill-kritiċi tal-arti sa ma ġie rikonoxxut bħala ġenju li tgħallem waħdu. Infatti, Rousseau kien jistqarr li huwa ma kellux għalliem ieħor għajr in-natura. Minkejja dan, ix-xogħlijiet tiegħu huma ta' kwalità artistika għolja u kellhom influwenza qawwija fuq ħafna ġenerazzjonijiet ta' artisti *avant-garde* li ġew warajh; inkluż, Pablo Picasso. Jingħad li, darba waħda, Picasso kien għaddej minn triq u ra wieħed qed ibigħ kwadri, meqjusin bħala mhux tajbin, biex jerġgħu jpinġu fuqhom. Fosthom, kien hemm wieħed ta' Henri Rousseau u ż-żgħażugħ Picasso mill-ewwel għaraf il-ġenju ta' dan l-artist u għamel meżż biex jiltaqa' miegħu.



Il-kwadru intitolat, *Tiger in a Tropical Sun*, li kien esebit fl-1891, jinsab fin-*National Gallery* ta' Londra fil-waqt li *The Sleeping Gypsy,* tal-1897, illum qiegħed fil-Mużew tal-Arti Moderna (il-MoMA) fi *New York*.

Henri Rousseau miet f'Pariġi, fit-2 ta' Settembru 1910, fl-età ta' sitta u sittin sena. Sebat iħbieb attendew għall-funeral tiegħu u, fuq qabru, kitbulu hekk:

Insellmulek, għażiż Rousseau;
Nittamaw li qed tismagħna!
Ħalli l-bagolli tagħna jgħaddu mill-bibien tal-Ġenna
Bla ma jħallsu dazju!
Magħna, aħna nġibulek it-tila, iż-żebgħa u l-pniezel
Ħalli, kif darba pinġejt l-iljun u ż-żingara,
Tgħaddi l-eternità
Fid-dawl u l-verità tal-pittura.